MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 245/15 LM

**AIS Environment Ltd (C 18445)**

***vs.***

**Edward Calleja (K.I. 71176M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Marzu, 2015, mis-soċjetà attriċi **AIS Environment Ltd** (C 18445) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Mario Schembri (K.I. 286781M) bħala direttur u għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-intimat ġie ngaġġat mis-soċjetà rikorrenti bħala arkeoloġista fuq bażi full-time bis-saħħa ta' kuntratt ta' impjieg datat 1 ta' Novembru, 2011 (kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bħala Dok. AIS1);*

2. *Illi l-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-intimat kienu mill-aktar vantaġġjużi u apparti diversi benefiċċji l-intimat kien saħansitra jitħallas bonus ta' għoxrin fil-mija (20%) fuq il-profitti annwali li tagħmel is-sezzjoni tal-arkeoloġija;*
3. *Illi peress illi s-soċjetà rikorrenti kienet sejra tinvesti bis-sħiħ fl-impjegat tagħha u kienet qiegħda tibbaża l-operat il-ġdid tagħha fil-qasam tal-arkeoloġija fuq il-ħiliet u dmirijiet li kellu jwettaq l-intimat, fil-kuntratt ta' impjieg bi qbil mal-istess impjegat hija insistiet fuq klawsola li permezz tagħha l-istess impjegat ma setax sa żmien sentejn mit-tluq tiegħu minn mal-kumpannija "in any way deemed detrimental to the business operation and/or goodwill of the Employer, solicit, communicate, employ, contact or carry out any business deals in the widest sense, whether alone or with any other person or entity, either directly or indirectly, any customers, of the Employer anywhere in Malta or Gozo. For the purpose of this Clause ... "customers" shall mean new customers which engage the services of the Employer throughout the Term of this Agreement, and customers with whom discussions are being held for the pursuance of work or business opportunity at the time of the Employee's termination of employment" (ara klawsola 17(d) tal-Kuntratt t'impjieg);*
4. *Illi l-intimat irrikonoxxa wkoll (vide klawsola 17(a) tal-kuntratt t'impjieg) illi "the customers, members, personnel, agents, clients, vendors, suppliers, trading secrets, method of operation and goodwill of the Employer are valuable assets and that the knowledge and expertise in the business and business practices of the Employer gained by the Employee both prior to and throughout the Term, of this Agreement are also valuable assets all of which are to be protected and preserved for the sole and exclusive use and benefit of the Employer" u difatti l-klawsola 17(d) surriferita kienet korollarju ta' dan ir-rikonoxximent illi l-klijenti tal-kumpannija huma assi prezzjużi għaliha;*
5. *Illi, marbuta mal-obbligu tal-intimat taħt il-klawsola 17(d), l-istess intimat aċċetta li jkun obbligat li jħallas is-somma ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) bħala danni pre-likwidati fl-eventwalità illi huwa jikser l-istess obbligu. Il-partijiet qablu wkoll li tali penali hija ġusta, raġonevoli u ekwitabbli u li mhijiex suġġett għal proċeduri ġudizzjarji jew temperament/tnaqqis minn xi Qorti;*
6. *Illi fl-ewwel ġimgħat ta' Ottubru 2014, l-intimat daħal f'diskussjonijiet mas-soċjetà rikorrenti dwar l-intenzjoni tiegħu li jirriżenja u jaqbad xogħol għal rasu. Sussegwentement huwa informa lis-soċjetà rikorrenti li l-aħħar ġurnata ta' xogħol tiegħu kienet ser tkun dik tal-31 ta' Ottubru, 2014. F'dan ir-rigward però s-soċjetà rikorrenti fakkritu fl-obbligi tiegħu skont il-kuntratt t'impjieg, inkluż illi jekk jaqbad xogħol għal rasu ma jisraqx mill-klijentela tal-kumpannija tal-inqas għal żmien sentejn mid-data tat-tluq tiegħu;*

7. *Illi b'diżappunt kbir għaliha, is-soċjetà rikorrenti skopriet illi ftit żmien biss wara t-tluq tiegħu mill-impjieg tas-soċjetà rikorrenti, l-intimat tramite kumpannija bl-isem ta' ECA Consultants Limited (C 67431) – liema kumpannija ġiet reġistrata tliet ijiem biss wara d-data tat-tluq tiegħu – avviċina lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta ("Transport Malta") sabiex itiha servizzi ta' archaeological monitoring fir-rigward tal-proġett tal-Coast Road liema xogħol kienet qed tagħmlu s-soċjetà rikorrenti qabel ma ġie sospiż temporanjament għal raġunijiet mhux attribwibbli lilha) taħt kuntratt pubbliku li kien ġie mogħti lilha ftit xhur qabel. Sussegwentement l-intimat tramite l-kumpannija msemmija ġie ingaġġat mill-istess Transport Malta u għadu jagħtiha s-servizzi ta' archaeological monitoring fuq l-istess proġett sal-ġurnata tal-ftuħ ta' din il-kawża;*

8. *Illi Transport Malta hija klijent importanti tas-soċjetà rikorrrenti, liema klijent ġie 'akkwistat' minnha fi żmien li l-impjegat kien ingaġġat magħha, u għalhekk bl-imġiba tiegħu l-intimat kiser b'mod lampanti l-obbligi tiegħu taħt il-klawsola 17(d) tal-kuntratt t'impjieg tiegħu meta mhux biss "seraq" klijent importanti tas-soċjetà rikorrenti iżda addirittura "seraq" ukoll parti minn kuntratt importanti u dan bi preġudizzju kbir għall-operat tas-soċjetà rikorrenti;*

9. *Illi l-aġir malizzjuż u bla kuxjenza tal-intimat ikompli jidher kemm hu bla ħniena (bl-Ingliż "ruthless") meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni li l-intimat kien qed jaqdi d-dmirijiet ta' Key Archeological Monitor tas-soċjetà rikorrenti fil-proġett tal-Coast Road fuq imsemmi sal-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu, li r-riżenja tiegħu daħħlet lis-soċjetà rikorrenti fi problemi mhux żgħar vis-à-vis t-tkomplija tal-kuntratt u li effettivament l-intimat fl-aħħar ġimgħat u ġranet tal-impjieg tiegħu kien f'pożizzjoni ċara ta' konflitt ta' interess li b'mod makakk u makkjaveljan għaraf jisfrutta għall-gwadann tiegħu personali biss wara t-tluq tiegħu minn mas-soċjetà rikorrenti;*

10. *Illi fid-dawl ta' dan l-aġir abbużiv, is-soċjetà rikorrenti ħasset ruħha kważi obbligata illi b'mod immedjat tinterpella lill-intimat sabiex mhux biss jiddeżisti milli bi kwalunkwe mod, direttament jew indirettament, ikompli joffri s-servizzi tiegħu bħala arkeoloġista lil Transport Malta iżda anke sabiex iħallasha s-somma penali ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) rappreżentanti danni pre-likwidati mill-partijiet. Din l-interpellanza saret permezz ta' protest ġudizzjarju (bin-numru uffiċjali 17/2015), liema protest però ġie ribattut mill-intimat permezz ta' kontroprotest (bin-numru uffiċjali 52/2015) ippreżentat fit-2 ta' Frar, 2015 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. AIS3);*

11. *Illi minħabba din l-inadempjenza kuntrattwali u l-insistenza tal-intimat li huwa m'għamel xejn ħażin, is-soċjetà rikorrenti ma kellhiex triq oħra ħlief li tirrikorri*

*għal dawn il-proċeduri sabiex tipproteġi l-interessi u l-operat tagħha u kif ukoll fl-aħħar mill-aħħar, l-interessi tal-impjegati tagħha;*

*Għaldaqstant, premess is-suespost, is-soċjetà rikorrenti titlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1 *Tiddikjara li bl-aġir tiegħu li joffri u jagħti s-servizzi tiegħu ta' arkeoloġista lil Transport Malta, l-intimat kiser l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt klawsola numru 17(d) tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu datat 1 ta' Novembru, 2011;*

2 *Tiddikjara li b'hekk l-intimat huwa obbligat li bħala kumpens għall-aġir tiegħu jħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) bħala penali rappreżentanti danni pre-likwidati mill-partijiet;*

3 *Tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma penali ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) lis-soċjetà rikorrenti.*

*Bl-imgħaxijiet fuq is-somma penali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mid-data ta' notifika lilu tal-protest ġudizzjarju numru 17/2015 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju msemmi u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf.*

*Din l-azzjoni qiegħda ssir mingħajr preġudizzju għall-proċeduri ġudizzjarji oħra li jistgħu jittieħdu mis-soċjetà rikorrenti kontra l-intimat għall-ħlas ta' penali jew penalitajiet oħra li jiġu dovuti mill-intimat b'kawża ta' ksur kuntrattwali li javvera ruħu jew jiġi a konoxxenza tas-soċjetà rikorrenti wara l-ġurnata tal-lum. Din l-azzjoni qiegħda ssir ukoll mingħajr preġudizzju għal proċeduri ġudizzjarji oħra li jistgħu jittieħdu kontra l-intimat mis-soċjetà rikorrenti għar-riżarċiment tad-danni kkawżati lilha speċjalment b'konsegwenza tan-negliġenza tal-intimat fl-aħħar ġimgħat u ġranet tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà rikorrenti.*

*L-intimat qiegħed jiġi minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Edward Calleja** (K.I. 71176M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), ippreżentata fis-16 ta' April, 2015, u maħlufa minnu stess, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament l-Artikolu 17 tal-Kuntratt ta' Impjieg anness mar-Rikors Maħluf u mmarkat bħala Dok. AIS1 jikser id-dispożizzjonijiet tal-Att li jirregola l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta), senjatament l-Artikolu 19 u 42 u konsegwentement għandu jiġi ritenut null u bla effett fil-liġi;*

2. *Illi preliminarjament, l-imsemmi Artikolu 17 tal-Kuntratt ta' Impieg surriferit kiser ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 985 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għandu jiġi ritenut null u bla effett;*

3. *Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, tenut kont tal-qasam partikolari li fih jopera l-esponenti, ir-restrizzjoni li għaliha ssir referenza fir-rikors ġuramentat promutur hija 'in restraint of trade' u konsegwentement għandha tiġi ritenuta invalida u bla effett;*

4. *Illi, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jikkontesta bħala infondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet tal-kumpannija attriċi, inter alia, stante illi, fl-ewwel lok, l-esponenti ma aġixxa bl-ebda mod illi jista' jitqies, 'detrimental to the business operation and/or goodwill' tal-kumpannija attriċi, u dan kif occorrendo jista' jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni, u fit-tieni lok, il-kumpannija attriċi qiegħda tattribwixxi definizzjoni żbaljata tat-terminu 'customers', u dan kif ukoll, occorrendo, jista' jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni;*

*Għaldaqstant, permezz tal-preżenti, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-kumpannija attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess kumpannija attriċi li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

*Dikjarazzjoni tal-Fatti ta' Edward Calleja:*

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu, Edward Calleja (ID 71176M) jikkonferma s-segwenti fatti relatati mal-vertenza de quo:*

1. *Illi permezz ta' kuntratt ta' impjieg datat 1 ta' Novembru, 2011, il-partijiet ftiehmu illi l-kumpannija attriċi ser tingaġġa lill-esponenti bħala arekologu;*

2. *Illi b'referenza għal dak rilevat f'paragrafu 2 tar-rikors ġuramentat promutur, u ċioe li l-esponenti kellu jirċievi bonus ta' għoxrin fil-mija (20%) fuq il-profitti (qabel ma jitnaqqsu t-taxxi) li tagħmel is-sezzjoni tal-arkeoloġija fi ħdan il-kumpannija attriċi, l-esponenti huwa tal-fehma illi l-kumpannija attriċi għamlu manuvri intiżi sabiex inaqqsu l-profitti perċepiti mis-sezzjoni tal-arkeoloġija, bi preġudizzju għall-esponenti li konsegwentement ipperċepixxa bonus inqas minn dak realment dovut, u f'dan ir-rigward l-esponenti qiegħed jippreżenta r-rikonvenzjoni relattiva;*

3. *Illi f'Settembru 2014, l-esponenti għadda lil rappreżentant tal-kumpannija attriċi n-notice tat-tmiem tal-impjieg tiegħu, liema impieg ġie sussegwentement terminat nhar il-31 ta' Ottubru, 2014 wara li l-esponenti ħadem il-perijodu tan-notice skont il-liġi;*

4. *Illi sussegwentement, l-esponenti waqqaf kumpannija bl-isem ECA Consultants Limited, liema kumpannija toffri servizzi relatati ma' xogħlijiet arkeoloġiċi;*

5. *Illi b'referenza partikolari għall-proġett tal-Coast Road li għalih issir referenza fir-rikors promutur, l-esponenti jirrileva illi wara illi l-esponenti ġie nfurmat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta illi l-istess Awtorità kienet issospendiet lill-kumpannija attriċi mill-proġett tal-Coast Road, u wara li ġie nfurmat ukoll illi l-arkeologa Ella Sammut Tagliaferro li ġiet ingaġġata mill-Awtorità għat-Trasport wara s-sospensjoni surriferita ġiet ukoll itterminata mill-proġett, l-Awtorità imsemmija talbet lill-esponenti jekk kienx interessat illi jippresta s-servizzi tiegħu versu l-istess Awtorità b'kuntratt li jiġġedded minn xahar għal xahar, u dan minħabba l-urġenza marbuta mat-tlestija tal-proġett tal-Coast Road, li huwa proġett ta' interess nazzjonali;*

6. *Illi sussegwentement, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ingaġġat lill-esponenti b'effett mid-9 ta' Jannar, 2015, u dan kif jirriżulta mill-korrispondenza li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. EC1' u mil-Letter of Acceptance li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. EC2';*

7. *Illi l-esponenti jiċħad bl-aktar mod kategoriku illi huwa qatt "seraq" xi klijentela tal-kumpannija attriċi, kif donnha qed tallega l-istess kumpannija attriċi, jew illi avviċina lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta in konnessjoni mal-proġett tal-Coast Road, iżda kif ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri odjerni, kienet l-Awtorità, għat-Trasport f'Malta illi avviċinat lill-esponenti wara illi l-kumpannija attriċi ġiet sospiża mill-proġett tal-Coast Road u addirittura wara illi anke ħadmu arkeologi oħra fl-interim sakemm ġie ingaġġat l-esponenti.*

Rat il-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti **Edward Calleja** (K.I. 71176M), ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tiegħu, li ġiet maħlufa minnu stess, li tgħid kif ġej:

1. *Illi permezz ta' kuntratt ta' impjieg datat 1 ta' Novembru, 2011, il-partijiet ftiehmu illi l-kumpannija rikovenzjonata ser tingaġġa lill-esponenti rikonvenzjonanti bħala arkeologu;*

2. *Illi ai termini ta' klawsola numru 4 tal-istess kuntratt ta' impjieg, il-partijiet qablu u ftiehmu illi l-kumpannija rikovenzjonata kellha tħallas lill-esponenti rikonvenzjonanti bonus ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) fuq il-profitti (qabel ma jitnaqqsu t-taxxi) li tagħmel is-sezzjoni tal-arkeoloġija fi ħdan il-kumpannija attriċi;*

3. *Illi wara illi l-esponenti rikonvenzjonanti ttermina l-impjieg tiegħu minn mal-kumpannija rikonvenzjonata, l-esponenti rikonvenzjonanti beda janalizza l-kotba finanzjarji tal-kumpannija rikonvenzjonata sabiex jivverifika l-profitti li għamlet is-sezzjoni tal-arkeoloġija, u dan sabiex l-istess esponenti rikonvenzjonanti jkun f'pożizzjoni illi jikkalkula l-bonus li għalih hu intitolat ai termini ta' klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' impjieg surriferit;*

4. *Illi waqt dan l-analiżi, l-esponenti rikonvenzjonanti beda jinnota diversi spejjeż li minkejja li ġew attribwiti lis-sezzjoni tal-arkeoloġija, ma jirriżultawx ġustifikati;*

5. *Illi fil-fehma tal-esponenti rikonvenzjonanti, dawn iż-żidiet fl-ispejjeż tas-sezzjoni arkeoloġika m'huma xejn għajr manuvra da parti tal-kumpannija rikonvenzjonata sabiex, bl-aktar mod deplorevoli, tnaqqas fuq il-kotba finanzjarji l-profitti perċepiti mis-sezzjoni tal-arkeoloġija għad-detriment tal-esponenti rikonvenzjonat li konsegwentement jipperċepixxi persentaġġ tal-istess profitti, u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri odjerni;*

6. *Illi minkejja interpellata permezz ta' kontro-protest ġudizzjarju ppreżentat mill-esponenti rikonvenzjonanti sabiex il-kumpannija rikonvenzjanata tgħaddi lill-istess kopja awtentika tal-kotba finanzjarji kollha tal-imsemmija kumpannija rikonvenzjonata sabiex l-esponenti rikonvenzjonanti jkun f'pożizzjoni illi jagħmel il-verifiki neċessarji relatati mal-bonus lilu dovut, il-kumpannija rikonvenzjonata baqgħet inadempjenti;*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din ir-rikonvenzjoni;*

8. *Illi l-esponenti rikonvenzjonanti jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti rikonvenzjonanti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment neċessarju jew opportun:*

1. *Tiddikjara illi l-kumpannija rikonvenzjonata hija obbligata li tħallas lill-esponenti rikonvenzjonanti għoxrin fil-mija (20%) fuq il-profitti (qabel ma jitnaqqsu t-taxxi) li għamlet is-sezzjoni tal-arkeoloġija fi ħdan il-kumpannija attriċi ai termini ta' klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' impjieg datat 1 ta' Novembru, 2011;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont dovut lill-esponenti rikonvenzjonanti mill-kumpannija rikonvenzjonata, u dan wara illi jiġu analizzati l-kotba finanzjarji tal-kumpannija rikonvenzjonata sabiex jiġi stabbilit il-profitt reali li għamlet is-sezzjoni tal-arkeoloġija fil-perijodu kollu li*

*fih l-esponenti rikonvenzjonanti kien impjegat mal-kumpannija rikonvenzjonata;*

3. *Tordna lill-kumpannija rikonvenzjonata tħallas lill-esponenti rikonvenzjonanti l-ammont hekk likwidat;*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikonvenzjonata li hija minn issa inġunta in subizzjoni u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata **AIS Environment Ltd** (C 18445) għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti ppreżentata fis-7 ta' Mejju, 2015, u maħlufa minn Odette Schembri (K.I. 706262M), li tgħid kif ġej:

1. *Illi preliminarjament, il-kontro-talba tal-intimat rikonvenjent hija nulla u bla effett a tenur tal-Artikolu 789 (1)(ċ) u/jew (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu ma fihiex tifsira ċara u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tal-istess kontro-talba kontra s-soċjetà rikorrenti rikonvenuta u lanqas fiha d-dokumenti meħtieġa sabiex isaħħu tali kontro-talba, a tenur tal-Artikolu 156(1) (a) u (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għajr għal riferenza ġenerika għal 'diversi spejjeż' li 'fil-fehma tal-esponenti rikonvenzjonanti' ma kinux għajr 'manuvra' sabiex jiġu mneffħa l-ispejjeż fis-sezzjoni tal-arkeoloġija bi preġudizzju għalih. Dan in-nuqqas joħloq ukoll preġudizzju lill-esponenti stante li tqiegħdet f'pożizzjoni li ma tistax tiddefendi ruħha sew mill-allegazzjonjiet serji diretti kontra tagħha;*
2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet fil-kontro-talba tal-intimat rikonvenjent huma assolutament infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;*
3. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Frar 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Bejn Diċembru tal-2011 u l-aħħar ta' Ottubru 2014 il-konvenut kien impjegat tas-soċjetà attriċi bħala arkeologu fuq bażi *full-time.* Il-konvenut ittermina l-impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2014 wara li għal għadd ta' xhur kien hemm diżgwid bejn il-partijiet minħabba li l-konvenut ippretenda salarju ogħla minn dak li kien qiegħed jitħallas lilu, kif ukoll minħabba diżgwid dwar il-*bonus* li kellu jitħallas lilu fuq il-profitti ġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija fi ħdan l-istess kumpannija, liema sezzjoni kienet immexxija mill-konvenut. L-impjieg tal-konvenut mas-soċjetà attriċi kien regolat permezz ta' kuntratt, liema kuntratt kien jistipula *inter alia* li l-konvenut ma kellux jagħmel xogħol għal klijenti tas-soċjetà attriċi għal żmien sentejn wara li jintemm l-impjieg tiegħu. Fl-istess kuntratt ġie ppuntwalizzat ukoll li l-klijenti huma fost l-aktar assi importanti tas-soċjetà attriċi, u kien hemm qbil bejn il-partijiet li f'każ ta' ksur tal-obbligi tal-konvenut f'dan ir-rigward, hu kellu jħallas danni prelikwidati fl-ammont ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) lis-soċjetà attriċi, liema somma kien hemm qbil bejn il-partijiet li m'għandha tkun soġġett għall-ebda tnaqqis minn xi Qorti. Is-soċjetà attriċi fetħet dawn il-proċeduri meta rriżulta li wara li l-konvenut ittermina l-impjieg li kellu magħha, dan fetaħ kumpannija bl-isem ta' ECA Consultants Limited,

liema kumpannija kienet ġiet irreġistrata tlett ijiem wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, u beda joffri s-servizz ta' *archaeological monitoring* lil Transport Malta fuq l-istess proġett tal-Coast Road li kien ħadem fuqu meta kien impjegat mas-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi tgħid li dan kollu sar bi ksur tal-obbligi kontrattwali naxxenti mill-kuntratt ta' impjieg iffirmat bejn il-partijiet, u dan minħabba li Transport Malta kienet waħda mill-klijenti ewlenin tas-soċjetà attriċi. Waqt is-smigħ tal-kawża intqal ukoll li l-konvenut naqas milli jaqdi d-dmirijiet u l-obbligi tiegħu b'lealtà, partikolarment meta dan naqas milli jkun preżenti fuq is-sit fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet, u n-nuqqas tiegħu li jħejji rapporti u dokumentazzjoni fixklu l-andament tal-proġett, tant li minħabba fihom is-soċjetà attriċi weħlet penali u ma tħallsitx flejjes dovuti lilha b'rabta ma' dan l-istess proġett. Permezz ta' dawn il-proċeduri, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li bid-deċiżjoni tiegħu li joffri servizzi u jagħmel xogħol ta' arkeologu ma' Transport Malta fuq l-istess proġett li kien qiegħed jaħdem fuqu meta kien impjegat mas-soċjetà attriċi, il-konvenut kiser l-obbligi kontrattwali tiegħu, speċifikament il-klawsola 17(d) tal-kuntratt ta' impieg tiegħu. Is-soċjetà attriċi talbet ukoll li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut għandu l-obbligu li jħallas tmintax-il elf Euro (€18,000) f'danni prelikwidati, skont il-kuntratt ta' impjieg maqbul bejn il-partijiet.

Il-konvenut min-naħa tiegħu wieġeb li l-klawsoli tal-kuntratt li fuqhom qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha s-soċjetà attriċi, huma klawsoli nulli u bla effett inkwantu jiksru diversi dispożizzjonijiet tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom l-artikoli 19 u 42 tal-Kapitolu 452, u l-artikolu 985 tal-Kodiċi Ċivili. Ġie eċċepit ukoll mill-konvenut li inkwantu tali klawsoli jammontaw għal *restraint of trade*

f'qasam fejn ma tantx hawn ħaddiema kkwalifikati u disposti li jagħmlu dak ix-xogħol, tali restrizzjonijiet għandhom jitqiesu li huma nulli u mingħajr effett. Inoltre l-konvenut saħaq li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-aġir tiegħu ma kkawżax detriment lill-operat u/jew lill-*goodwill* tas-soċjetà attriċi, u fattwalment ma kienx hu li avviċina lil Transport Malta, iżda kienet din tal-aħħar li talbitu jagħtiha *quotation* sabiex ikun jista' jibqa' jippresta l-istess tip ta' servizz wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi.

Flimkien mar-risposta maħlufa tiegħu, il-konvenut ressaq ukoll kontrotalba, fejn intqal li bħala parti mill-pakkett offrut lilu mis-soċjetà attriċi, kien ġie stipulat ukoll li hu kellu jitħallas għoxrin fil-mija (20%) tal-profitti ġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija, li kienet prattikament ġiet imwaqqfa mill-konvenut u kienet titmexxa minnu. Il-konvenut qal li wara li ttermina l-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà attriċi, hu baqa' ma tħallasx il-*bonus* dovut lilu, u meta kien eżamina l-kotba tas-soċjetà attriċi, irriżultalu li kien hemm spejjeż li bdew jitneffħu b'mod arbitrarju sabiex tingħata l-impressjoni li l-ispejjeż tas-sezzjoni tal-arkeoloġija kienu akbar milli fil-fatt kienu, sabiex jonqos il-qligħ u per konsegwenza jonqos il-*bonus* li kellu jitħallas lilu. Il-konvenut rikonvenzjonant qal li minkejja li ppreżenta kontroprotest ġudizzjarju fejn talab lis-soċjetà attriċi tgħaddilu kopja tal-*audited accounts* tagħha sabiex ikun jista' jagħmel il-verifiki tiegħu, din baqgħet inadempjenti. Fit-talbiet tiegħu, il-konvenut rikonvenzjonant talab lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà attriċi għandha tħallsu *bonus* fl-ammont ta' għoxrin fil-mija (20%) fuq il-profitti ġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija, u sabiex tillikwida l-ammont talvolta dovut lilu, kif ukoll tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallsu l-ammont hekk likwidat.

L-attriċi rikonvenzjonata eċċepiet li l-kontrotalba tal-konvenut hija nulla u mingħajr effett a tenur tal-artikolu 789(1)(ċ) u/jew (d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, stante li l-konvenut rikonvenzjonant naqas milli jagħti tifsira ċara tat-talba tiegħu u għalhekk is-soċjetà attriċi mhix f'qagħda li tiddefendi ruħha. Intqal ukoll li t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur, is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut Edward Calleja, minn fejn jirriżulta li l-konvenut ġie impjegat mas-soċjetà attriċi bħala arkeologu għal terminu indefinit b'effett mill-1 ta' Novembru, 2011.[1] Dan il-kuntratt kien jistipula kemm hu s-salarju gross li kellu jitħallas lill-konvenut mis-soċjetà attriċi, kif ukoll kien hemm provvediment għall-ħlas ta' *bonus* ta' għoxrin fil-mija (20%) fuq il-profitti qabel it-taxxa ġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija tal-istess kumpannija, liema *bonus* kellu jitħallas lill-konvenut fi tmiem is-sena finanzjarja tas-soċjetà attriċi. Il-klawsola 17 tal-istess kuntratt tipprovdi wkoll għal *non-competition, non-solicitation and non-disclosure restrictions.* Il-klawsola 17(a) tal-istess kuntratt kienet tistipula illi:

> *"The Employee acknowledges and agrees that the customers, members, personnel, agents, clients, vendors, suppliers, trading secrets, method of operation and goodwill of the Employer are valuable assets and that the knowledge and expertise in the business and business practices of the Employer gained by the Employee both prior to and throughout the Term of this Agreement are also valuable assets*

[1] *A fol.* 7 tal-proċess.

*all of which are to be protected and preserved for the sole and exclusive use and benefit of the Employer."*

Il-klawsola 17(d) tal-imsemmi kuntratt kienet tistipula illi:

> "*Pursuant to Clause 17(a) above, both during the Term of this Agreement and for a period of two (2) years after the expiration or sooner termination of this Agreement, the Employee shall not, in any way deemed detrimental to the business operation and/or goodwill of the Employer, solicit, communicate, employ, contact or carry out any business deals in the widest sense, whether alone or with any other person or entity, either directly, or indirectly, any customers, of the Employer anywhere in Malta or Gozo. For the purpose of this Clause 17(d), "customers" shall mean new customers which engage the services of the Employer throughout the Term of this Agreement, and customers with whom discussions are being held for the pursuance of work or business opportunity at the time of the Employee's termination of employment."*

Il-klawsola 17(e) tal-imsemmi kuntratt kienet tistipula l-ħlas ta' penali fis-somma ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) bħala danni prelikwidati f'każ ta' ksur ta' xi waħda mill-obbligazzjonijiet li ntrabat bihom il-konvenut permezz tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi.[2] Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja tal-protest ġudizzjarju intavolat minnha kontra l-konvenut[3], fejn dan ġie interpellat jiddeżisti milli b'xi mod ikompli joffri s-servizzi tiegħu bħala arkeologu ma' Transport Malta, u sabiex iħallas l-ammont ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) rappreżentanti danni prelikwidati. Ġiet esebita wkoll kopja tal-kontroprotest ġudizzjarju li għamel il-konvenut fil-konfront tas-soċjetà attriċi.[4]

[22] Klawsola 17(e) tal-imsemmi kuntratt tistipula illi "*Pursuant to Clause 17(a) above, in the event that the Employee breaches any of the aforementioned Clauses 17(b), 17 (c), or 17(d), he shall be liable to pay the Employer a penalty of EUR 18,000 (eighteen thousand euro only) by way or pre-liquidated damages, which penalty shall become immediately due as a civil debt and is not subject to any judicial proceedings, or to abatement by any court of law. The Parties agree that this penalty is just, reasonable and equitable."*

[3] *A fol.* 13 tal-proċess.

[4] *A fol.* 16 tal-proċess.

Il-konvenut min-naħa tiegħu ppreżenta kopja ta' *email* bid-data tad-9 ta' Jannar 2015[5], li permezz tagħha hu ngħata d-dettalji ta' x'kien jinvolvi x-xogħol li ntalab jagħmel minn Transport Malta fir-rigward tal-proġett tal-Coast Road, kif ukoll kopja ta' ittra mibgħuta lilu minn Transport Malta fl-istess data li permezz tagħha hu ġie mgħarraf li l-offerta tiegħu għal xogħol ta' *archaeological monitoring services* fuq il-proġett tal-Coast Road kienet ġiet aċċettata, u li Transport Malta kienet qiegħda tingaġġah għal perijodu ta' xahar.[6]

Permezz ta' nota tal-5 ta' Mejju, 2015, is-soċjetà attriċi ppreżentat *email* mibgħuta mill-konvenut lil Odette Schembri, *Human Resources Manager* tas-soċjetà attriċi, minn fejn tirriżulta korrispondenza bejn il-partijiet fil-kawża b'diversi kjarifiki rigward il-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut.[7]

Is-soċjetà attriċi ppreżentat l-*affidavit* ta' **Odette Schembri**, *Human Resources Manager* tal-istess soċjetà[8], li qalet li ilha f'din il-kariga għal diversi snin. Qalet li fost impenji oħra, hi tieħu ħsieb it-taqsima tal-arkeoloġija tal-istess soċjetà, magħrufa bħala AIS Archaeology. Ix-xhud qalet li kemm hi, kif ukoll id-direttur tal-kumpannija, li jiġi r-raġel tagħha, kienu ilhom jafu lill-konvenut għal numru ta' snin qabel ingaġġawh magħhom, tant li kienu jagħtuh diversi kuntratti ta' appalt biex jagħmel xogħol tekniku fil-qasam tal-arkeoloġija. Ix-xhud qalet ukoll li qabel beda jaħdem magħhom, il-konvenut kien juża t-*trade name* OMM Services. Ix-xhud spjegat kif fl-2011 il-konvenut kien staqsihom jekk kinux interessati li jdaħħluh magħhom b'kuntratt ta' impjieg flok jibqa' bl-

[5] *A fol.* 34 tal-proċess.
[6] Kopja tal-ittra *a fol.* 36 tal-proċess.
[7] *A fol.* 41 tal-proċess.
[8] *A fol.* 51 tal-proċess.

imqieta, u dan minħabba li kien importanti għalih li jkollu introjtu fiss fix-xahar. Ix-xhud qalet li wara li qiesu kollox, hi u r-raġel tagħha ddeċidew li jdaħħluh jaħdem magħhom b'kuntratt ta' impjieg. Ix-xhud spjegat kif qabel iffirma l-kuntratt ta' impjieg offrut lilu, kien hemm korrispondenza min-naħa tal-konvenut minħabba li xtaq kjarifika dwar klawsola 17 tal-kuntratt ta' impjieg, u żiedet tgħid li dawn id-diffikultajiet ġew iċċarati. Kompliet tgħid kif il-kundizzjonijiet tal-impjieg offruti lill-konvenut kienu vantaġġjużi, u apparti benefiċċji bħall-ħlas tal-linja tal-*mobile* u ħlas tal-*fuel* għall-użu tal-vettura tiegħu, huwa kellu bonus ta' 20% fuq il-profitti ġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija tal-kumpannija, filwaqt li l-pakkett finanzjarju offrut lilu wkoll żdied sostanzjalment wara ftit taż-żmien. Ix-xhud żiedet tgħid li fl-istess żmien, is-soċjetà attriċi impjegat ukoll għadd ta' arkeologi oħra fuq bażi *freelance,* u l-konvenut kien is-*Senior Manager* ta' din is-sezzjoni fil-kumpannija. Ix-xhud kompliet tgħid li kemm il-konvenut kif ukoll it-tim tiegħu tħallew fil-libertà li jibqgħu jaħdmu fuq xogħol li kienu jagħmlu qabel ġew ingaġġjati mis-soċjetà attriċi, taħt l-isem OMM Services, u t-taqsima tal-*accounts* tas-soċjetà attriċi kienet anki offriet l-għajnuna tagħha lill-konvenut sabiex dan seta' jiġbor flejjes dovuti lilu mill-klijenti tiegħu, għal liema servizzi s-soċjetà attriċi ma ħadet l-ebda ħlas, u l-flejjes miġbura ħadhom kollha l-konvenut. Ix-xhud kompliet tgħid li s-sezzjoni tal-arkeoloġija bdiet tikber u n-negozju kien sejjer tajjeb tant li anki ġew ingaġġjati impjegati oħra f'din it-taqsima, tant li fis-sena 2013, il-konvenut ingħata *bonus* tajjeb ħafna mill-kumpannija minħabba s-suċċess li għamlet it-taqsima li kien imexxi hu. Ix-xhud kompliet tgħid li meta kien jiġi kkomputat il-*bonus* annwali, id-diriġenti tas-soċjetà attriċi kienu jiltaqgħu mal-konvenut u juruh iċ-ċifri kollha marbuta man-negozju tagħhom, sabiex ifehmuh kif waslu għall-ammont li hu kellu

jieħu bħala *bonus*, u żiedet tgħid li min-naħa tiegħu l-konvenut qatt ma ilmenta jew oġġezzjona għall-kalkoli tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud żiedet tgħid li fl-2014 is-soċjetà attriċi rebħet *tender* importanti minn Transport Malta, li kellu valur komplessiv ta' kważi mitt elf Euro (€100,000), sabiex is-soċjetà attriċi toffri servizzi ta' monitoraġġ ambjentali u arkeoloġiku għall-proġett tal-Coast Road. Qalet li f'din il-biċċa xogħol il-konvenut kellu rwol ewlieni x'jaqdi minħabba li kellu r-responsabbilità li jkun kuljum fuq is-sit, u kien inkarigat biex iħejji rapporti li kellhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet kull ġimgħa. Ix-xhud qalet li f'dan il-perijodu s-soċjetà attriċi introduċiet numru ta' *Key Performance Indicators* li ġew applikati fis-sezzjonijiet kollha tal-kumpannija, u f'dan iż-żmien il-konvenut beda jippretendi li s-salarju tiegħu jiżdied sostanzjalment. Ix-xhud spjegat li ż-żidiet mitluba mill-konvenut kienu għolja wisq għas-soċjetà attriċi, u d-diriġenti tal-kumpannija ma kinux qablu magħhom minħabba li tali żidiet ma kinux marbuta mal-prestazzjoni tal-konvenut fuq il-post tax-xogħol u barra minn hekk kien ser jagħmilha ferm aktar diffiċli għall-kumplament tal-impjegati tal-kumpannija li jilħqu l-*key performance indicators* stipulati. Qalet ukoll li sadanittant is-soċjetà attriċi bdiet tiffaċċja kompetizzjoni minn diversi kumpanniji oħra, u għalhekk kellha tbaxxi l-prezzijiet tagħha, u minkejja dan, kienet saret offerta lill-konvenut li kienet waħda sostenibbli għas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qalet li minkejja li saret din l-offerta lill-konvenut, din ma ġietx aċċettata minnu, u f'Ottubru tal-2014 hu informa lid-diriġenti tas-soċjetà attriċi li kien ser jitlaq mill-impjieg sabiex jipprova jaqbad xogħol għal rasu. Qalet li din l-aħbar ħasdithom mhux ftit minħabba li f'qasir żmien kellhom jiġu infurmati għadd ta' awtoritajiet, fosthom is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u Transport Malta li kien ser ikun hemm bidla fil-*key archaeological monitor.* Ix-xhud kompliet tispjega

kif fl-aħħar ġimgħat li l-konvenut kien impjegat mas-soċjetà attriċi, hi kienet issus ħafna fuqu sabiex tassigura li x-xogħol li kien qiegħed jagħmel speċjalment b'rabta mal-proġett tal-Coast Road, jibqa' għaddej, u kienet saħansitra fakkritu x'obbligi kellu fil-kuntratt ta' impjieg tiegħu. Qalet li l-konvenut min-naħa tiegħu kien qalilha li hu kien biħsiebu jiffoka fuq is-*surveying* u għalhekk ma kienx ser jibqa' jaħdem fl-istess qasam, iżda kien qalilha wkoll li fl-opinjoni tiegħu l-klawsola numru 17 tal-kuntratt ma kinitx tipprojbih milli jagħmel xogħol lil klijenti tas-soċjetà attriċi, sakemm ma jkomplix jaħdem fuq proġetti eżistenti ta' dawn l-istess klijenti. Kompliet tgħid li s-soċjetà attriċi kienet kisbet parir bil-miktub mingħand l-avukat tagħha dwar l-interpretazzjoni ta' dik il-klawsola. Ix-xhud qalet li wara ftit taż-żmien, id-diriġenti tas-soċjetà attriċi bdew jindunaw li l-konvenut kien qarraq bihom, tant li kien hemm rapporti u dokumentazzjoni neqsin fir-rigward tal-proġett tal-Coast Road għall-aħħar ġimgħat li l-konvenut kien għadu fl-impjieg magħhom, u fl-aħħar ġranet tal-impjieg tiegħu l-konvenut lanqas biss resaq fuq is-sit. Żiedet tgħid li tant kienu kbar in-nuqqasijiet tal-konvenut fir-rigward, li lanqas ir-rapporti li suppost kellhom jitħejjew ta' kull ġimgħa ma setgħu jitħejjew. Kompliet tgħid li fil-bidu ta' Novembru tal-2015, Marianne Rosado, il-*key archaeological monitor* il-ġdida maħtura mis-soċjetà attriċi, saret taf li matul ix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru f'parti mill-proġett, kienet inkixfet skoperta arkeoloġika, liema skoperta ma ġiex infurmat biha s-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali, nuqqas dan li seħħ għax il-konvenut naqas mill-obbligu tiegħu li jkun fuq il-lant tax-xogħol fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru 2014. Ix-xhud qalet li riżultat ta' dan is-soċjetà attriċi ġiet sospiża minn Transport Malta milli tkompli bix-xogħol tal-Coast Road. Ix-xhud kompliet tgħid li l-esponenti tas-soċjetà attriċi kienu diżappuntati ferm meta

xi żmien wara ġew infurmati li Transport Malta kienet ħarġet sejħa għall-offerti u sussegwentement ingaġġjat lill-konvenut magħha sabiex ikompli jagħmel l-istess xogħol li kien qed jagħmel qabel, peremezz tal-kumpannija li huwa kien ifforma bl-isem ta' ECA Consultants Limited. Ix-xhud kompliet tgħid li l-konvenut kien irreġistra din il-kumpannija tlett ijiem biss wara li telaq mill-impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi, u din il-kumpannija nħolqot biss bl-għan li hu jkun jista' jitfa' l-offerta tiegħu b'rabta ma' dan il-kuntratt, sabiex jevadi l-obbligi naxxenti mill-kuntratt ta' impjieg li huwa kellu mas-soċjetà attriċi. Kompliet tgħid li l-konvenut kellu l-*insider knowledge* kollu meħtieġ sabiex ikun f'qagħda li jagħmel offerta li tkun vantaġġjuża, anki minħabba li hu kellu għarfien tat-termini finanzjarji tal-offerta tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud żiedet tgħid li sabiex seta' jipprepara dan it-*tender*, il-konvenut uża dak li tgħallem mingħand is-soċjetà attriċi dwar kif għandhom jitħejjew *tenders* pubbliċi, u dan minħabba li qabel beda jaħdem mas-soċjetà attriċi, dan ma kienx jaf iħejji proposti bħal dawn. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li aktar ma beda jgħaddi żmien wara t-terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut, aktar is-soċjetà attriċi bdiet tinduna kemm dan kien qarraq biha, u kemm dan aġixxa b'kunflitt ta' interess għall-gwadann personali tiegħu. Spjegat kif dan l-aġir kompla minkejja li kien ġie interpellat bi proċeduri ġudizzjarji sabiex jieqaf minn dan l-aġir u sabiex iħallas il-penali prelikwidati skont il-kuntratt ta' impjieg tiegħu, u tat eżempji sabiex turi b'liema mod il-konvenut kien żleali fil-konfront tas-soċjetà attriċi.[9]

[9] Fi kliem ix-xhud, "Pereżempju sibna illi Edward personalment jew permezz ta' ECA Consultants Limited wettaq xogħol ta' arkeoloġija u servizzi relatati fir-rigward ta' sit fi Triq il-Qawra c/w Triq il-Qala, San Pawl il-Baħar (PA/01206/13) lil klijent illi f'Settembru 2014 kien ikkomunika u għamel kuntatt magħna bl-intendiment li x-xogħol isir minna. Sibna wkoll illi Calleja ta servizzi arkeoloġiċi f'sit fil-Qasam Industrijali, Ta' Qali, Attard, appartenenti lil Nectar Limited, liema klijent kien f'Settembru 2014 qabbadna direttament biex nagħmlu dan ix-xogħol. Minħabba dan il-ksur lampanti tal-obbligi kuntrattwali tiegħu, aħna konna ressaqna protest ġudizzjarju sabiex jersaq għall-ħlas tal-penalitajiet dovuti skont il-kuntratt. Madanakollu Calleja baqa' inadempjenti. Mhux hekk biss, però anke wara li ressaqna dan il-protest, sibna b'każijiet oħra fejn klijenti tagħna ġew "misruqa" minn Calleja b'dannu kbir għalina."

Fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2016 xehed il-**PL Quentin Tanti** in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanniji u tal-Malta Financial Services Authority[10], li ppreżenta d-dokumenti rreġistrati fir-rigward tal-kumpannija ECA Consultants Limited, li x-xhud qal li ġiet irreġistrata fit-3 ta' Novembru, 2014. Ix-xhud ippreżenta wkoll dokumenti simili fir-rigward ta' kumpannija bl-isem ta' DFK Corporate Services Limited[11], li ġiet irreġistrata fit-13 t'Awwissu, 1999, u dan minħabba li rriżulta li s-soċjetà, DFK Corporate Services Limited hija azzjonista ewlenija fil-kumpannija ECA Consultants Limited.

Fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2016 xehdet il-**Perit Kylie Borg Marks**, li hija impjegata ma' Transport Malta u kienet il-*project leader* tal-proġett tal-Coast Road.[12] Ix-xhud qalet li nħarġu diversi permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar li jkopru dan is-sit, li fih 7.3 kilometru ta' toroq. Spjegat li Transport Malta kienet ħarġet sejħa għall-offerti għall-monitoraġġ ambjentali tas-sit, liema kuntratt ntrebaħ minn AIS Environment Limited. Ix-xhud spjegat li dan kien *service contract,* li jfisser li l-kumpannija li tirbaħ il-kuntratt ikollha numru ta' *key experts* u timijiet li joffru appoġġ lill-*key experts* tax-xogħlijiet. Qalet li mil-lat arkeoloġiku l-*key expert* kien Edward Calleja, li taħtu kellu numru ta' persuni oħra li kienu qegħdin jaħdmu għal AIS Environment Limited. Ix-xhud qalet li waqt li kien qiegħed isir xogħol taħt dan il-kuntratt, ġie nnutat tibdil li Transport Malta ma kinitx infurmata bih, fosthom it-tluq ta' wieħed mill-i*specialist consultants* li kien qiegħed jaħdem fil-qasam ambjentali u li Transport Malta ma kinitx infurmata bih. Qalet li kien biss f'Ottubru 2014 li s-soċjetà attriċi infurmat lil Transport Malta li dan il-persuna kien telaq minn

[10] *A fol.* 62 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 74 *et seq.* tal-proċess.
[12] *A fol.* 177 tal-proċess.

magħha f'Awwissu 2014, u fl-istess *email* is-soċjetà attriċi infurmat lil Transport Malta wkoll bit-tluq ta' Edward Calleja minn mal-kumpannija, li kien ser iseħħ madwar sitt ijiem wara. Ix-xhud spjegat kif is-sejħa għall-offerti kienet inħarġet mid-Dipartiment tal-Kuntratti, u għalhekk kwalunkwe tibdil kellu jiġi approvat minn dan id-Dipartiment u mhux minn Transport Malta. Ix-xhud qalet li f'dan iż-żmien ukoll Transport Malta bdiet tinnota li kien hemm ksur ieħor tal-ftehim li hija kellha mas-soċjetà attriċi, u dan fil-kuntest tal-fatt li dan kien proġett nazzjonali li l-entitajiet involuti ma xtaqux li jaqa' lura. Ix-xhud spjegat kif wara perijodu ta' madwar sittin ġurnata li matulhom kien hemm *archaeological monitor*, din ħtiġilha ttemm l-inkarigu tagħha għal raġunijiet personali, u għalhekk Transport Malta reġgħet ħarġet sejħa għall-offerti li permezz tagħha Edward Calleja reġa' daħal fil-proġett bħala *archaeological monitor* f'isem ECA Consultant Limited. Ix-xhud spjegat kif għal xi żmien qabel ingħata dan il-kuntratt, il-konvenut kien qiegħed jiġi investigat minħabba li fuq is-sit instabu affarijiet ta' rilevanza arkeoloġika li ma ġewx notifikati lis-Sovrintendenza. Ix-xhud spjegat li Edward Calleja kien il-*key expert* li fuqu kienu miktubin it-*terms of reference* tas-Sovrintendenza, u li hu kellu jimxi magħhom. F'dan ir-rwol, il-konvenut kellu jiġbor data mis-sit u jħejji rapporti u informazzjoni rilevanti għas-Sovrintendenza. Ix-xhud spjegat li min-naħa ta' Transport Malta, issir verifika mas-Sovrintendenza li l-arkeologu jkun għamel ix-xogħol tiegħu, li s-sit ġie spezzjonat, li r-rapporti ddaħħlu fil-ħin, u li l-kuntratt ikun qiegħed jiġi segwit. Ix-xhud kompliet tispjega li Transport Malta ġiet infurmata li fuq is-sit instab *feature* ta' rilevanza arkeoloġika li kien diġà tnaddaf u ġie espost fil-5 ta' Novembru, 2014. Qalet li din l-informazzjoni twasslet lil Transport Malta permezz ta' *email* li ntbagħtet lis-Sovrintendenza mill-arkeologa maħtura mis-soċjetà attriċi sabiex tkompli x-

xogħol li kien ħalla l-konvenut. Ix-xhud qalet li kien f'dak iż-żmien li s-Sovrintendenza kienet ilmentat li din il-kwistjoni ma ġietx ittrattata sew mis-soċjetà attriċi. Hi spjegat kif Transport Malta ġiet infurmata fl-24 ta' Ottubru, 2014 li l-konvenut kellu jaħdem mas-soċjetà attriċi sal-31 ta' Ottubru, 2014, u għalhekk kien hemm dan il-perijodu ta' ħames jew sitt ijiem bejn it-tluq tal-konvenut mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi u meta waslet l-informazzjoni għand Transport Malta dwar din l-iskoperta. Ix-xhud ma setgħetx tippreċiża kemm ittieħed ħin biex tnaddfet din il-*feature* li hi ħofra kbira fl-art.

Fl-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2016 xehed **Mevrick Spiteri**, *executive* mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali[13], li qal li l-konvenut kien magħruf mis-Sovrintendenza bħala arkeologu *freelance,* tant li kien ġie mpoġġi fuq il-lista tas-Sovrintendenza. Ix-xhud qal li meta beda l-proġett tal-Coast Road, il-konvenut kien il-*monitor* tal-proġett u kien qiegħed jaħdem mas-soċjetà attriċi għall-perijodu bejn April tal-2014 sal-aħħar ta' Ottubru tal-istess sena. Ix-xhud spjega kif f'Ottubru ta' dik is-sena, is-soċjetà attriċi kienet infurmat lil Transport Malta li kienet qiegħda tibdel il-*monitor* u tpoġġi lil Marianne Rosado minfloku, minħabba li Edward Calleja ma kienx ser jibqa' jaħdem magħha. Ix-xhud spjega kif minkejja li s-Sovrintendenza ma tkunx parti fil-kuntratti u fis-sejħiet għall-offerti li jinħarġu, xorta waħda tkun trid tapprova l-*monitors* li jkun hemm fuq is-sit. Ix-xhud qal li kull żviluppatur irid jinforma lis-Sovrintendenza bl-*archaeological monitor* li jkun qiegħed jingaġġja, sabiex is-Sovrintendenza tkun tista' tapprovah. Spjega li hekk kif Transport Malta kienet infurmathom li Marianne Rosado kienet ser titpoġġa bħala *monitor* fuq il-proġett, is-Sovrintendenza kienet approvatha. Żied jgħid li fl-ewwel ġimgħa

[13] *A fol.* 188 tal-proċess.

ta' Novembru 2014 kien hemm skoperta arkeoloġika fuq il-Coast Road, u rriżulta li dak il-ħin ma kienx hemm *monitor* fuq is-sit. Qal li min-naħa tas-Sovrintendenza bdew l-investigazzjonijiet sabiex jiġi stabbilit x'kien ġara u għalfejn din l-iskoperta ma ġietx notifikata lilhom. Kienet saret investigazzjoni anki dwar is-soċjetà attriċi minħabba li rriżulta li kien hemm nuqqasijiet da parti tagħha, u s-Sovrintendenza rrakkommandat li s-soċjetà attriċi m'għandhiex tkompli bil-*monitoring.* Ix-xhud spjega kif meta s-soċjetà attriċi twaqqfet milli tkompli bix-xogħol tagħha fuq dan il-proġett, is-Sovrintendenza kienet innominat arkeologu ieħor mil-lista ta' arkeologi approvati, għalkemm din il-persuna kienet waqfet wara perijodu ta' madwar xahrejn, meta mbagħad reġa' daħal fuq il-proġett Edward Calleja. Ix-xhud spjega li hekk kif is-Sovrintendenza jkollha konferma dwar min hu l-*monitor,* din toħroġ it-*terms of reference* dwar kif għandu jiġi eżegwit ix-xogħol sat-tmiem tal-proġett.

Permezz ta' nota tat-28 ta' April, 2016, il-Perit Kylie Borg Marks ippreżentat dokumentazzjoni dwar sejħa għal stima flimkien ma' informazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-*archaeological monitor*[14], kif ukoll kopja ta' *letter of acceptance* mibgħuta lil ECA Consultants Limited bid-data tad-9 ta' Jannar, 2015.[15]

Fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2016 xehed il-konvenut **Edward Calleja**[16], li qal li hu ggradwa bħala arkeologu mill-Università ta' Malta fl-2003, u mill-ewwel beda jaħdem bħala *freelance archaeologist* fuq proġetti ta' toroq, skavar u *surveys.* Qal li s-soċjetà attriċi l-aktar li kienet orjentata kien fuq konsultazzjoni

[14] *A fol.* 197 tal-proċess.
[15] *A fol.* 202 tal-proċess.
[16] *A fol.* 209 tal-proċess.

ambjentali, u kien hemm drabi meta hu ġie avviċinat minnha sabiex jagħti konsulenza fuq proġetti li kienet tkun qed taħdem fuqhom is-soċjetà attriċi. Żied jgħid li wara xi snin, kien avviċinah l-Inġinier Mario Schembri, li hu d-direttur tas-soċjetà attriċi, li kien talbu biex jibdew jikkollaboraw aktar mill-qrib, u dak iż-żmien hu kien aċċetta li jaħdem mas-soċjetà attriċi sakemm seta' jinkludi miegħu persuni li diġà kienu jaħdmu mal-konvenut fuq bażi *freelance,* sabiex jiġu salvagwardjati l-impjiegi tagħhom. Qal li l-arranġament li kellu mas-soċjetà attriċi kien li jiġi ffurmat dipartiment tal-arkeoloġija fi ħdanha, jiżviluppah, u wara xi żmien hu jidħol jaħdem *full-time* mal-istess kumpannija. Qal li parti mill-pakkett offrut lilu kien jinkludi *bonus* ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) tad-dħul li kien hemm mis-sezzjoni tal-arkeoloġija. Il-konvenut spjega li b'kollox hu dam impjegat mas-soċjetà attriċi madwar tliet snin, minn Novembru tal-2011 sa Ottubru tal-2014, u matul dan il-perijodu hu beda jinnota li l-*bonus* ta' għoxrin fil-mija li suppost li kellu jitħallas lilu ma kienx qiegħed jitħallas skont il-ftehim bejn il-partijiet. Qal ukoll li kien hemm żmien matul it-tielet sena tal-impjieg tiegħu, meta huwa wera ruħu preokkupat minħabba li d-dipartiment tal-arkeoloġija kien qiegħed jitgħabba b'diversi spejjeż li ma kinux ivverifikati, u dawn l-ispejjeż esaġerati kienu qegħdin jaffettwaw il-profitti tad-dipartiment immexxi minnu, u eventwalment il-*bonus* li kien jitħallas lilu.[17] Il-konvenut spjega li fiż-żmien meta ttermina r-relazzjoni ta' impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi, hu kien

[17] Fi kliem ix-xhud, "Dawn huma affarijiet li ovvjament mill-figuri jidhru però jien l-ewwel *concerns* tiegħi urejthom meta bdew jiżdiedu l-ispejjeż, nagħqdu biex inġibu x-xogħol u d-dipartiment baqa' hemmhekk u jien kien qed jiġi affettwat l-*income* tiegħi. Bejn Mejju u Novembru meta eventwalment tlaqt, saru diversi *meetings* mad-diretturi tal-kumpannija, l-Inġinier Mario Schembri u s-sinjura tiegħu Mrs. Schembri li kienet tieħu ħsieb l-*accounts department.* Ir-raġuni kienet li jiena min-naħa tiegħi kien hemm intenzjonijiet serji fejn jien inkompli r-relazzjoni mal-kumpannija, però ovvjament jitranġaw iċ-ċirkostanzi li kont qed naħdem fihom. Kont naħdem sigħat twal ħafna. Ħafna drabi kont inkun l-uniku wieħed li nidħol is-Sibt, lanqas id-diretturi, jiġifieri regolarment kont immiss is-sebgħin siegħa fil-ġimgħa, qatt ma rajt kambjamenti. Tajt l-ewwel *notice* tiegħi f'Ġunju u ħa ngħid hekk ma ġietx aċċettata bil-ħsieb li jitranġaw l-affarijiet. Bejn Ġunju u Ottubru ma sarx progress u jiena tajt in-*notice* fit-tielet ġimgħa ta' Settembru bl-intenzjoni li sal-aħħar ta' Ottubru nkun tlaqt."

qiegħed jaħdem fuq żewġ proġetti, fiċ-Ċittadella, Għawdex u l-proġett tal-Coast Road. Qal li fil-proġett tal-Coast Road hu kellu diversi persuni jgħinuh fix-xogħol, minħabba li dan kien proġett ta' seba' kilometri u nofs. Kompla jgħid li hekk kif hu informa lis-soċjetà attriċi li hu kien ser jirriżenja mix-xogħol, hu ntalab jagħlaq xi proġetti li kienu qegħdin jaħdmu fuqhom persuni li kienu telqu mill-kumpannija fix-xhur ta' qabel, kif ukoll intalab jagħti *handover* fir-rigward tax-xogħol li hu kien qiegħed jagħmel fuq il-proġett tal-Coast Road. Il-konvenut qal li fiż-żmien meta huwa kien qiegħed jaħdem in-*notice* tiegħu, bdew isiru laqgħat interni bejn id-diretturi u persuni oħra impjegati mas-soċjetà attriċi, u hu ma bediex jiġi inkluż fihom. Qal li sat-tielet ġimgħa ta' Ottubru hu ma baqax imur personalment fuq is-siti, sabiex ikun jista' jagħlaq xogħol ieħor li kellu mibdi, u f'dak iż-żmien is-soċjetà attriċi kienet infurmat lil Transport Malta u lis-Sovrintendenza li hu ma kienx ser jibqa' jieħu ħsieb il-proġett tal-Coast Road u li kienet ser tiġi nnominata persuna oħra minfloku. Qal li fil-ġranet wara li telaq mill-impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi, hu fetaħ kumpannija bl-isem ECA Consultants Limited, u beda jiffoka fuq il-ftuħ ta' uffiċċju ġdid għalih, għalkemm f'dan il-perijodu ma kienx qiegħed jaċċetta xogħol. Qal iżda li f'dawn l-ewwel jiem wara li telaq minn mas-soċjetà attriċi, hu kien ġie infurmat li s-Sovrintendenza kienet fetħet investigazzjoni wara li fuq is-sit tal-Coast Road instab fugass u kienet saritlu ħsara minħabba li s-Sovrintendenza ma ġietx infurmata immedjatament bis-sejbien tiegħu. Żied jgħid li din l-investigazzjoni kienet tinvolvi lilu, lil Marianne Rosado li kienet l-arkeologa li daħlet fil-proġett minfloku, u lis-soċjetà attriċi. Il-konvenut kompla jgħid li hekk kif ġie infurmat b'din l-investigazzjoni, hu bagħat ittra bil-miktub lis-Sovrintendenza sabiex jispjega x'kien ġara, u wara xi jiem hu ġie infurmat li kien qiegħed jinħeles mill-investigazzjoni. Il-konvenut qal li

Marianne Rosado u s-soċjetà attriċi ġew sospiżi milli jkomplu bix-xogħol fuq dan il-proġett għal perijodu ta' xahar, u Transport Malta u s-Sovrintendenza kienu sabu tliet arkeologi oħra sabiex jaħdmu fuq dan il-proġett, għalkemm dawn irriżenjaw ftit wara. Il-konvenut qal li fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar tal-2015, hu ġie avviċinat minn Transport Malta wara li din ġiet infurmata mis-Sovrintendenza li hu kien inħeles minn kull suspett fl-investigazzjoni li saret. Żied jgħid li kien is-CEO ta' Transport Malta stess li avviċinah sabiex ikompli jaħdem fuq dan il-proġett partikolari u hu kien intgħażel minħabba fis-snin twal ta' esperjenza li kellu fil-monitoraġġ tat-toroq. Ix-xhud qal li l-informazzjoni li ngħata dak iż-żmien kienet li s-soċjetà attriċi ġiet sospiża milli tkompli bix-xogħol fuq il-proġett, u l-arkeologa mqabbda mis-soċjetà attriċi wkoll kienet ġiet sospiża. It-tliet arkeologi li komplew bix-xogħol fuq il-proġett ukoll irriżenjaw wara ftit, u għalhekk, minħabba fl-importanza u l-entità ta' dan il-proġett, kien ġie deċiż li l-konvenut kellu jidħol sabiex ikompli jaħdem hu fuq il-proġett. Ix-xhud qal li problema ewlenija kienet li f'Malta m'hawnx biżżejjed nies ikkwalifikati u mħarrġa biex jaħdmu bħala arkeologi, u anki meta jinstabu persuni li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol, dawn mhux dejjem ikunu jistgħu jiddedikaw is-sigħat twal li proġetti bħal dak tal-Coast Road jirrikjedu. Il-konvenut ippreżenta korrispondenza in sostenn tax-xhieda mogħtija minnu.[18]

Il-konvenut kompla jixhed fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017[19], fejn spjega li x-xogħol li jagħmel hu jinvolvi monitoraġġ tal-proġetti pubbliċi u privati, minħabba li fit-territorju Malti hawn diversi żoni meqjusa li huma ta' importanza arkeoloġika. Qal li x-xogħol tal-arkeologu fuq sit partikolari jibda

[18] *A fol.* 219 *et seq.* tal-proċess.
[19] *A fol.* 231 tal-proċess.

saħansitra qabel il-bidu tal-proġett innifsu, u għalhekk ikunu diġà familjari mal-proġett fil-fażi preliminari tiegħu. Qal li l-arkeologu jrid ikun preżenti fuq is-sit minħabba li hemm *deliverables* li jridu jiġu onorati fit-termini ta' żmien miftiehma, u jekk ma jkunx hemm arkeologu jaħdem fuq is-sit, il-proġett ma jkunx jista' jibda jew jitkompla. Il-konvenut spjega kif hu kien wieħed mill-kofundaturi tad-dipartiment tal-arkeoloġija tas-soċjetà attriċi, tant hu hekk li kien hemm persuni li kienu jikkollaboraw miegħu fuq xogħol, li hu daħħalhom jaħdmu miegħu mas-soċjetà attriċi. Il-konvenut spjega li minkejja li x-xogħol li hu kien jagħmel għas-soċjetà attriċi kien wieħed speċjalizzat ħafna, tant hu hekk li hu diffiċli ferm li wieħed isib impjegati mħarrġa biex jagħmlu x-xogħol li jagħmel hu, u minkejja li d-dipartiment immexxi minnu kiber ferm tul is-snin, madanakollu meta hu għamel talbiet sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu, fosthom billi tiżdiedlu l-paga u jingħata l-użu ta' vettura tal-kumpannija, dawn it-talbiet ma kinux ntlaqgħu mid-diretturi tal-kumpannija. Qal ukoll li hu ma kienx kuntent bis-salarju tiegħu. Żied jgħid li hu baqa' ma tħallasx il-perċentwal tal-*bonus* dovut lilu fir-rigward tax-xogħol li għamel tul it-tielet sena tal-kumpannija, filwaqt li l-*bonus* għas-sena ta' qabel tħallas lilu fuq perijodu ta' xhur, b'tali mod li hu beda jħossu li qed jingħata t-*tips* mas-salarju tiegħu minflok perċentwal mill-profitti. Il-konvenut spjega li r-raġuni għalfejn minkejja li jiggradwaw numru ta' persuni b'baċellerat fl-arkeoloġija mill-Università ta' Malta, in-numru ta' persuni li jispeċjalizzaw fil-qasam huwa żgħir, għax ix-xogħol jinvolvi ċertu skariġġ u wieħed ikun espost għall-elementi, kundizzjonijiet diffiċli li mhux kulħadd jaċċetta li jaħdem fihom. Il-konvenut kompla jgħid li meta hu ffirma l-kuntratt ta' impjieg mas-soċjetà attriċi, kien hemm intenzjonijiet tajbin miż-żewġ naħat, u żied jgħid li anki meta s-soċjetà attriċi twaqqfet milli tkompli taħdem fuq il-proġett tal-Coast

Road, hu ma marx għand Transport Malta u talabhom li jkompli jaħdem hu fuq il-proġett. Il-konvenut qal li Transport Malta avviċinat tlieta min-nies u talbithom ikomplu l-proġett huma, iżda dawn irriżenjaw wara xahrejn. Qal li f'dak iż-żmien kien hemm diversi *deadlines,* b'madwar disa' kuntratturi jaħdmu fuq il-proġett tal-Coast Road, u ħadd minnhom ma seta' jieqaf mix-xogħol. Il-konvenut spjega kif hekk kif ix-xogħol li kienet tagħmel is-soċjetà attriċi safa sospiż, in-numru ta' arkeologi li setgħu jkomplu kien wieħed ristrett ħafna, anki minħabba li s-soċjetà attriċi waħedha kienet tħaddem mas-seba' arkeologi. Qal li meta s-soċjetà attriċi ġiet sospiża milli tkompli bix-xogħol fuq dan il-proġett, u hu ġie meħlus mill-investigazzjoni, ħass li seta' jaċċetta l-inkarigu li offrietlu Transport Malta ladarba kien ġie stabbilit li s-soċjetà attriċi kellha tinqala' minn fuq dan il-proġett. Żied jgħid li hu kellu esperjenza twila jagħmel xogħol simili f'diversi toroq oħra li saru madwar il-pajjiż, u għalhekk hu ntalab ikompli bix-xogħol fuq il-proġett minħabba fl-*expertise* tiegħu f'xogħol simili. Il-konvenut qal illi li kieku s-sospensjoni tas-soċjetà attriċi ġiet revokata, aktarx li hu kien jerġa' jinqala' minn fuq il-proġett, sabiex ix-xogħol jitkompla mis-soċjetà attriċi, iżda ma ġarax dan. Qal li hu kompla jaħdem fuq il-proġett tal-Coast Road minn nofs Jannar 2015 sal-aħħar ta' Ottubru, meta tlesta l-proġett. Spjega wkoll li filwaqt li l-kuntratt tiegħu kien jiġġedded minn xahar għal xahar, is-sospensjoni tas-soċjetà attriċi wkoll kienet operattiva fuq bażi ta' xahar b'xahar, għalkemm kien hemm żmien meta din ġiet sospiża indefinittivament.

Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Maverick Spiteri**[20], li spjega li bħala *cultural heritage executive* mas-Sovrintendenza, huwa jagħmel xogħol fejn ikunu qegħdin jitwettqu proġetti ta' żvilupp u l-monitoraġġ

[20] *A fol.* 251 tal-proċess.

tagħhom, sabiex jiġi assigurat li sejbiet arkeoloġiċi jiġu rappurtati u dokumentati kif suppost. Spjega li darba f'sena tinħareġ sejħa għal persuni interessati li jiġu appuntati bħala *monitors* u dawn jitqiegħdu fuq lista fejn jiġu rreġistrati. Qal li biex *monitor* ikun jista' jopera, irid ikun fuq dik il-lista.

Permezz ta' nota ppreżentata fit-12 ta' Mejju, 2017, is-soċjetà attriċi ppreżentat l-*abridged annual report* u l-*financial statements* tagħha għas-snin 2011-2015.[21]

Fl-udjenza tat-12 ta' April, 2017 reġgħet xehdet il-**Perit Kylie Borg Marks**[22], li qalet li f'dan il-każ is-sejħa għall-offerti għall-provvista tas-servizz ta' *archaeological monitor* u *environmental monitor* kienet inħarġet mid-Dipartiment tal-Kuntratti, u spjegat kif l-offerti jiġu aġġudikati minn bord. Ix-xhud qalet li f'Jannar 2015, Transport Malta kienet irċeviet informazzjoni mis-Sovrintendenza li s-soċjetà attriċi ma setgħetx titħalla tkompli tagħmel xogħol ta' monitoraġġ fuq is-sit. Ix-xhud qalet li l-konvenut Edward Calleja, kien involut f'dan il-proġett sa mill-bidu tiegħu, u wara diskussjonijiet bejn Transport Malta u s-Sovrintendenza sabiex jiġi kkonfermat jekk il-konvenut setax ikompli fuq il-proġett, ġie stabbilit li dan seta' jkun fuq is-sit, wara li dan wera l-interess tiegħu li jkompli b'dak ix-xogħol permezz ta' offerta li hu tefa' f'isem ECA Consultants Limited. Ix-xhud spjegat li hemm lista ta' persuni li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol, u sabiex ma jkunx hemm waqfien mix-xogħol ried jiġi stabbilit ukoll min kienu l-persuni disponibbli sabiex ix-xogħol jitkompla kemm jista' jkun malajr. Ix-xhud żiedet tgħid li dan il-proġett kien qiegħed isir fi triq maġġura, li minnha jgħaddu numru ta' persuni u vetturi ta' kuljum, u għalhekk kien importanti ferm li dan il-proġett ma jitwaqqafx għall-

[21] *A fol.* 260 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 326 tal-proċess.

ebda raġuni, anki minħabba li kien hemm diversi *commitments* ta' ħlasijiet li jridu jsiru, *timelines* ta' progress li jrid jiġi rreġistrat fil-proġett, u kwistjonijiet oħra marbuta mal-fatt li l-finanzjament għal dan il-proġett kien ġej mill-Unjoni Ewropea. Ix-xhud qalet li Transport Malta kienet ġiet infurmata li l-konvenut kien ittermina l-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà fil-31 ta' Ottubru, 2014, u fl-4 ta' Novembru 2014, il-persuna li kienet għadha tidher bħala l-*key archaeological monitor* fuq is-sit kienet Edward Calleja.

Fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Odette Schembri**[23], li qalet li l-kuntratt ta' impjieg li kellu l-konvenut kien wieħed *standard* li jintuża mal-ħaddiema kollha tas-soċjetà attriċi, għalkemm fil-każ tiegħu kien hemm xi dettalji li ġew diskussi u mibdula. Ix-xhud speċifikat li l-klawsola li tirregola li l-konvenut ma setax jagħmel xogħol għall-istess klijenti tas-soċjetà attriċi għal perijodu ta' sentejn wara li jispiċċa mill-impjieg tiegħu, u l-kelma *'customers'* kienet tinkludi wkoll klijenti li kienu f'diskussjonijiet mas-soċjetà attriċi jew li kienu jaħdmu magħha fiż-żmien tat-terminazzjoni tal-impjieg. Ix-xhud ikkonfermat li l-konvenut kien jaħdem ma' Transport Malta qabel beda jaħdem mas-soċjetà attriċi. Ix-xhud ikkonfermat li s-soċjetà attriċi baqgħet sospiża milli tagħmel xogħol fuq il-proġett tal-Coast Road sakemm dan il-proġett tlesta. Kompliet tgħid li l-konvenut ta *quotation* għax-xogħol tiegħu lil Transport Malta fit-3 ta' Novembru, 2014 u għalhekk qabel ma s-soċjetà attriċi ġiet sospiża minn dan il-proġett. Qalet li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tal-konvenut mas-soċjetà attriċi kienet fil-31 ta' Ottubru 2014 li kien il-Ġimgħa, u li l-partijiet infirdu b'mod amikevoli dakinhar, iżda fl-4 ta' Novembru, 2014, u allura t-Tlieta ta' wara, dan ippreżenta *quotation* lil Transport Malta għax-xogħol fuq il-proġett tal-Coast Road. Qalet li dik kienet l-istess ġurnata li nstab

[23] *A fol.* 333 tal-proċess.

il-fugass u dakinhar stess is-soċjetà attriċi ġiet sospiża minn fuq il-proġett. Ix-xhud qalet li dak li għamel il-konvenut kien ta' detriment għas-soċjetà attriċi direttament. Qalet li meta l-konvenut beda jaħdem fuq il-proġett f'Jannar tal-2015, is-soċjetà attriċi kienet sospiża milli tkompli taħdem hi fuqu, iżda qalet li meta l-konvenut avviċina lil Transport Malta bl-offerta tiegħu, dan għamel hekk kontra l-ispirtu ta' *goodwill* li l-partijiet kellhom iħaddmu bih. B'riferiment għad-dokumenti esebiti mis-soċjetà attriċi rigward l-*accounts* tal-istess kumpannija, ix-xhud qalet li d-dokumenti esebiti ma jiddistingwux bejn il-profitti ġġenerati mid-dipartimenti varji tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud ikkonfermat li l-konvenut għadu ma tħallasx il-*bonus* għax-xogħol li għamel tul l-2014, u żiedet tgħid li minbarra l-każ odjern, hemm numru ta' każijiet oħra li saret taf bihom is-soċjetà attriċi fejn il-konvenut kien avviċina klijenti tas-soċjetà attriċi u ħadilha x-xogħol. Ix-xhud qalet ukoll li fir-rigward ta' dawn l-istanzi, għadhom ma nfetħux il-kawżi relattivi. Ix-xhud qalet li fil-fehma tas-soċjetà attriċi, il-penali ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) li għandu jħallas il-konvenut lis-soċjetà attriċi hi akbar mis-somma li hu għandu jitħallas bħala *bonus,* li skont hi li jammonta għal madwar għaxra jew ħdax-il elf Euro. Ix-xhud obbligat ruħha li tesebixxi l-*management accounts* għall-perijodu kollu tal-impjieg tal-konvenut, u li tindika kemm hu l-ammont li hu dovut lill-konvenut bħala perċentwal tal-profitti li ġew iġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija.

Fl-istess udjenza xehdet **Christine Demanuele**, l-*accountant* tas-soċjetà attriċi, li qalet[24] li l-*accounts* tas-soċjetà attriċi jinqasmu bejn tliet dipartimenti, li huma d-dipartiment tal-ambjent, id-dipartiment tal-arkeoloġija u d-dipartiment li joffri konsulenzi. Ix-xhud spjegat li hemm spejjeż li huma

[24] *A fol.* 344 tal-proċess.

komuni għad-dipartimenti kollha, bħan-nefqa marbuta mal-pagi tal-*accountants,* u dawn jiġu apporzjonati ħafna drabi abbażi tan-numru ta' impjegati li hemm f'kull dipartiment rispettiv. Ix-xhud qalet li l-*management accounts* jiġu diskussi wkoll mal-*managers* rispettivi f'kull dipartiment.

Fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2017 reġgħet xehdet **Odette Schembri**[25], li ppreżentat il-*management accounts* tas-soċjetà attriċi.[26] Il-kontroeżami tal-istess xhud tkompla fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2017[27], fejn qalet li hi tieħu ħsieb ir-riżorsi umani fis-soċjetà attriċi, kif ukoll elementi marbuta mal-finanzi tal-kumpannija. Qalet ukoll li s-sezzjoni tal-arkeoloġija fi ħdan l-istess kumpannija kienet spiċċat fix-xejn. Lix-xhud sarilha riferiment għall-fatt li fl-2014 għall-ewwel darba jidhru *bad debts* fl-ammont ta' sbatax-il elf Euro (€17,000), u x-xhud spjegat li dak hu l-ammont ta' flus li s-soċjetà attriċi tilfet minħabba li fl-aħħar xahar tal-impjieg tiegħu, il-konvenut mar biss fuq is-sit tal-Coast Road madwar erba' darbiet biss, u konsegwentement ma setgħux jiddaħħlu r-rapporti li kellhom jiġu ppreżentati lis-Sovrintendenza, bir-riżultat li s-soċjetà attriċi baqgħet ma ġabritx flusha.

Il-kontroeżami ta' **Odette Schembri** tkompla fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018[28], fejn din ippreżentat kopja tal-*management accounts* tas-soċjetà attriċi, flimkien ma' kopji ta' irċevuti li jindikaw xi spejjeż saru mis-soċjetà attriċi fir-rigward ta' kull waħda mis-sezzjonijiet tas-soċjetà, u spjegat kif inħadmu l-komputazzjonijiet sabiex ġie stabbilit kemm kienu l-ispejjeż ta' kull wieħed mid-dipartimenti tas-soċjetà attriċi.[29]

---

[25] *A fol.* 349 tal-proċess.
[26] *A fol.* 350 tal-proċess.
[27] *A fol.* 356 tal-proċess.
[28] *A fol.* 364 tal-proċess.
[29] Dokumentazzjoni esebita *a fol.* 371 *et seq.* tal-proċess.

Fl-udjenza tad-9 ta' April, 2018 xehed il-**Perit Edgar Caruana Montaldo**[30], li qal li hu kien il-Perit inkarigat mis-*supervision* tal-proġett tal-Coast Road, u kien il-*key expert* bħala *team leader.* F'dan ir-rwol hu kien jieħu ħsieb is-*supervision* tax-xogħol kollu f'isem Transport Malta, anki billi jieħu ħsieb ix-xogħol li kien qiegħed isir minn *key experts* oħra li kienu nvoluti fil-proġett. Ix-xhud qal li l-konvenut kien l-arkeologu ewlieni li ħadem fuq il-proġett tal-Coast Road, u hu kien ġie ingaġġjat minħabba fl-esperjenza tiegħu fuq dan it-tip ta' xogħol. Żied jgħid li hawn Malta hawn numru limitat ferm ta' persuni li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol, u meta jkun hemm proġetti kbar bħal dak inkwistjoni, ikun hemm penali kbar imposti f'każ li jitwaqqaf ix-xogħol fuq il-proġett għal xi raġuni.

**Odette Schembri** reġgħet xehdet fl-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2018[31], fejn irreferiet għal numru ta' dokumenti ppreżentati minnha u qalet li s-soċjetà attriċi kienet ippreżentat *records* tad-dħul u l-ispejjeż fir-rigward ta' kull dipartiment tal-kumpannija.

Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018 xehdet il-**Perit Sandra Magro**[32], li qalet li hi kienet *project manager* min-naħa tal-kuntrattur RM Construction, li ħadem fuq il-proġett tal-Coast Road u f'dak ir-rwol hi kienet tikkoordina l-kuntratturi kollha. Ix-xhud ikkonfermat li hi taf li l-konvenut kien wieħed mill-arkeologi li ħadem fuq is-sit, u hi kienet ġiet infurmata b'episodju partikolari fejn kien instab fugass f'parti mit-triq, u għalhekk il-kuntratturi ntalbu jwaqqfu x-xogħol li kienu qegħdin iwettqu fuq dik iż-żona partikolari sakemm is-sejba li saret tiġi ppreservata.

[30] *A fol.* 844 tal-proċess.
[31] *A fol.* 857 tal-proċess.
[32] *A fol.* 872 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed il-**Perit Reuben Aquilina**[33], li qal li hu kien *project manager* fil-proġett tal-Coast Road mal-kumpannija Bonnici Brothers Limited. Dan ix-xhud qal li hu jaf li l-konvenut kien l-arkeologu li qiegħed jimmonitorja s-sit sakemm jitlesta l-proġett. Dan ix-xhud ikkonferma ukoll li waqt ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett kien instab fugass, u għalhekk ix-xogħol kellu jieqaf maż-żona tal-madwar għal xi żmien. Ix-xhud ikkonferma wkoll li f'Malta m'hawnx ħafna persuni kkwalifikati biex jaħdmu bħala arkeologi.

Fl-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2018 reġa' xehed il-konvenut **Edward Calleja**[34], li qal li l-*bonus* ekwivalenti għal għoxrin fil-mija tal-profitti ġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija fi ħdan is-soċjetà attriċi għas-sena 2014 baqa' ma tħallasx lilu. Ix-xhud qal li mill-*istatements* tal-*accounts* esebiti hemm xi ċifri li hu ma jaqbilx magħhom, bħal pereżempju l-addebitament ta' parti mis-salarju tad-direttur, li fis-snin ta' qabel ma kienx ikun inkluż. Ix-xhud spjega li hemm spejjeż li ddaħħlu mal-*accounts* tas-sezzjoni tal-arkeoloġija li setgħu ddaħħlu biex l-ispejjeż ta' dik it-taqsima jitneffħu b'mod li mhux reali, u spjega:

> "Bażikament għandna per eżempju għall-ewwel darba jidħlu tliet elef u ħames mija ta' *inter company services,* jidħlu ħamest elef u kważi ħames mija ta' salarju tad-direttur, id-direttur tal-kumpannija ovvjament kien preżenti mill-bidu, fis-snin ta' qabel għalkemm aħna kull sena bħala *section* konna ngħalqu bil-profitti, qatt ma daħlu l-*cost* tiegħu għal din is-sena partikolari meta jiena tlaqt mill-kumpannija ...".

Ix-xhud qal ukoll li fl-*accounts* tal-kumpannija tniżżlu ċertu spejjeż li għalihom m'hemmx irċevuti bħala prova li dik l-ispiża saret. Semma pereżempju l-intestatura *bad debts* li ddaħħlet fl-*accounts* taħt is-sezzjoni tal-arkeoloġija, liema spiża tammonta għal €17,000, u l-ispiża ta' €3,100 għal *legal u auditing*

[33] *A fol.* 876 tal-proċess.
[34] *A fol.* 880 tal-proċess.

lis-sezzjoni tal-arkeoloġija, li fis-snin ta' qabel ma kinux fatturati. Qal ukoll li wħud mill-ispejjeż, bħal dawk attribwiti lilu għall-użu tal-vettura privata tiegħu, u ħlas għall-ikel, kienu parti mill-pakkett offrut lilu mis-soċjetà attriċi bħala ħlas għal xogħlu. Ix-xhud qal li mill-kalkoli li għamel hu, kien jistma li s-soċjetà attriċi kellha tħallsu ammont ta' madwar €18,000 bħala *bonus* fuq il-profitti ġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija għas-sena 2014.

Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru, 2018 reġgħet xehdet **Odette Schembri**[35], li b'riferiment għax-xhieda tal-konvenut tal-5 ta' Novembru, 2018, spjegat li *managing director* tas-soċjetà attriċi għandu salarju ta' €60,000 fis-sena, u l-ispiża ta' dan is-salarju ġiet imqassma bejn id-diversi taqsimiet tal-istess soċjetà. Qalet li f'dan il-każ 10% biss tas-salarju tad-direttur maniġerjali ġie attribwit lis-sezzjoni tal-arkeoloġija, u dan minkejja li skont hi, il-persuna li kienet taqdi dak l-inkarigu kienet tqatta' ferm aktar mill-10% tagħha taħdem fuq is-sezzjoni tal-arkeoloġija, billi kien ikollha laqgħat regolari mal-konvenut, laqgħat regolari ma' min kien iwieġeb għas-sejħiet għall-offerti, u kien iħaddem sistema ta' *open door policy* u għalhekk kien disponibbli l-ħin kollu għall-ħaddiema kollha, inklużi dawk tat-taqsima tal-arkeoloġija. Ix-xhud qalet ukoll li l-*policies* adottati mill-kumpannija fir-rigward tal-allokazzjoni li kienet issir fir-rigward tal-*budgeting* ta' kull sezzjoni individwali, kienu ġew mgħarrfa lill-konvenut u dan qatt ma oġġezzjona għal din l-allokazzjoni. Fir-rigward tal-ispiża ta' €14,400 bħala spejjeż amministrattivi, ix-xhud qalet li bħala kumpannija kienu ħassew il-ħtieġa li jimpjegaw amministratur fis-sezzjoni tal-arkeoloġija minħabba li kien hemm xogħol ta' dokumentazzjoni li donnu li ħadd ma kien jieħu gost jagħmel. Dwar l-ispejjeż marbuta ma' ikliet u tiswijiet li saru fuq il-vetturi, ix-xhud qalet li dawk huma kollha spejjeż li saru minn

[35] *A fol.* 891 tal-proċess.

Edward Calleja, u għalhekk hu kien jaf bihom, anki jekk mhux dejjem ippreżenta l-irċevuti għall-ispejjeż li saru. Fir-rigward tas-sbatax-il elf Euro *bad debts,* ix-xhud qalet li l-proġett tal-Coast Road kien proġett ambizzjuż, u kien jirrikjedi persuni ta' esperjenza sabiex jaħdmu fuqu. Qalet li bħala kumpannija kienu jafu li l-konvenut kellu relazzjoni tajba ma' Transport Malta u kien imur tajjeb mal-kuntratturi, u kien għalhekk li hu tqabbad mill-kumpannija sabiex jaħdem fuq dan il-proġett. Ix-xhud qalet li l-konvenut intalab jaħdem esklussivament fuq il-proġett tal-Coast Road minn April sal-ġurnata li fiha ttermina l-impjieg tiegħu minn mal-kumpannija, u dan sabiex kemm jista' jkun ix-xogħol li jipproduċi jkun preċiż u dokumentat. Żiedet tgħid li meta l-konvenut telaq mill-impjieg tiegħu, kien ġie nnutat li kien hemm dokumentazzjoni nieqsa, kif ukoll kien instab li matul Ottubru tal-2014 il-konvenut ma kienx qiegħed imur fuq is-sit b'mod regolari kif suppost. Qalet li meta s-Sovrintendenza talbet id-dokumentazzjoni li kienet nieqsa, is-soċjetà attriċi ma kinitx f'qagħda li tipprovdi din id-dokumentazzjoni minħabba li sabet li ħafna mill-informazzjoni kienet nieqsa wkoll fuq is-*servers* tal-kumpannija. Ix-xhud żiedet tgħid li bħala konsegwenza s-Sovrintendenza m'għalqitx il-proġett, u Transport Malta ma ħallsitx lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' €17,165 fir-rigward tal-proġett tal-Coast Road. Rigward it-tnaqqis fil-profitti, ix-xhud qalet li meta s-soċjetà attriċi waqqfet id-dipartiment tal-arkeoloġija, dan id-dipartiment waħdu kien jirbaħ *tenders* għal madwar 70% tax-xogħol kollu li kien hawn f'Malta f'dak il-qasam. Imma fi ftit xhur bdiet tinbet il-kompetizzjoni, tant li huma kellhom inaqqsu b'mod drastiku r-rati u l-prezzijiet li jitolbu għax-xogħol, u dan sabiex ikunu jistgħu jibqgħu kompetittivi. Ix-xhud qalet li wara t-tluq tal-konvenut minn mal-kumpannija, id-dipartiment tal-arkeoloġija baqa' jaħdem għal madwar sena u tliet xhur

oħra, minħabba li l-klijenti kollha li kellha l-kumpannija kienu bdew jaħdmu mal-konvenut, u għalhekk dak id-dipartiment kellu jingħalaq. Ix-xhud esebiet ukoll għadd ta' dokumenti u rċevuti in sostenn ta' dak li qalet fix-xhieda tagħha.[36]

Fl-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2019, sar il-kontroeżami ta' **Odette Schembri**[37], li qalet li jista' jkun li s-salarju tal-*managing director* beda jiddaħħal fl-*accounts* għall-ewwel darba fis-sena 2014 u qabel ma kienx isir hekk.[38] Ix-xhud spjegat li kien nuqqas tal-kumpannija li għas-snin preċedenti ma ffatturatx l-ispiża tas-salarju tal-*managing director* mal-ispejjeż tas-sezzjoni tal-arkeoloġija, u fl-2014 ġie stabbilit li Mario Schembri kien qiegħed iqatta' ħafna ħin jaħdem fuq id-dipartiment tal-arkeoloġija u għalhekk ma kienx jagħmel sens li l-ispiża tas-salarju tiegħu ma tiġix allokata in parti lil dak id-dipartiment ukoll. Ix-xhud qalet li l-allokazzjoni ta' 10% tas-salarju tal-*managing director* fuq id-dipartiment tal-arkeoloġija kienet ġiet stabbilita wara diskussjonijiet interni.

Il-kontroeżami ta' **Odette Schembri** tkompla fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2019[39], fejn ikkonfermat li l-*fee* tal-*managing director* Mario Schembri, parti minnha ġiet allokata għall-ewwel darba għas-sezzjoni tal-arkeoloġija fis-sena 2014, u din kienet ibbażata fuq kalkoli interni li saru mill-istess kumpannija. Ix-xhud qalet ukoll li l-*budget* kien ġie diskuss mal-konvenut fil-bidu tas-sena, u dak iż-żmien jista' jkun li l-introduzzjoni tal-*managing fee* kienet ġiet diskussa wkoll mal-konvenut, għalkemm qalet li mhix ċerta dwar dan. Dwar il-*bad debts*

[36] *A fol.* 908 *et seq.* tal-proċess.
[37] *A fol.* 963 tal-proċess.
[38] Fi kliem ix-xhud, "Il-*managing director* li qed insemmu hawnhekk huwa l-*managing director* tal-kumpannija li kien involut fil-*management* ta' din id-diviżjoni mill-bidu nett. Fl-ewwel sentejn ma kienx hemm din it-tip ta' *allocation* ta' *cost* għal din id-diviżjoni. Ma nafx ngħidlek għaliex imma ma konniex qegħdin nagħfsu fuq il-*cost* żgur, imma li kien hemm żgur huwa li mill-bidu tas-sena meta ħriġna l-*budget* tat-2014 kien hemm *provision* għaliha din, jiġifieri Edward Calleja kien jaf minn Jannar 2014 ..."
[39] *A fol.* 974 tal-proċess.

minħabba fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni mħejjija mill-konvenut, ix-xhud qalet li wara li l-konvenut temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, kien ġie nnutat li kien hemm dokumentazzjoni li hu naqas li jipprepara. Ix-xhud qalet li l-arkeologa li kompliet ix-xogħol fuq il-proġett wara t-tluq tal-konvenut kienet ippreparat id-dokumentazzjoni hi sa fejn setgħet, iżda kien hemm istanzi fejn il-konvenut naqas li jkun preżenti fuq is-sit u għalhekk kien hemm diversi *records* u ritratti neqsin. Qalet ukoll li minkejja li kien hemm korrispondenza mal-konvenut f'dan is-sens, hu kien wieġeb biss li l-informazzjoni kienet qiegħda fuq is-*server*, iżda din baqgħet ma nstabitx. Ix-xhud ikkonfermat li kien minħabba li din id-dokumentazzjoni baqgħet ma nstabitx, li s-soċjetà attriċi baqgħet ma tħallsitx kulma kien dovut b'rabta mal-proġett tal-Coast Road.

Il-kontroeżami tal-konvenut sar fl-udjenza tat-22 ta' Frar, 2019[40], li qal li fir-rigward tal-ammont ta' €17,000 rappreżentanti *bad debts* tas-soċjetà attriċi, hu kien ipparteċipa fir-rapport preliminari li kien sar mis-soċjetà attriċi, u ħafna mid-dokumentazzjoni meħtieġa kienet ilha li ġiet ippreżentata. Qal ukoll li fil-ġimgħat qabel temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta, hu kien jieħu miegħu lil Marianne Rosado fuq is-sit, u wara li hu temm l-impjieg tiegħu, kienet hi l-persuna li kompliet taħdem fuq il-proġett. Żied jgħid li ma kienx kompitu jew responsabbilità tiegħu li jibqa' joħroġ ir-rapporti b'rabta ma' dan il-proġett, u f'dak iż-żmien, lejn Settembru tal-2014, hu ħtieġlu jqatta' ħafna aktar ħin fl-uffiċċju tal-kumpannija sabiex jassigura li jingħalqu proġetti oħrajn li kienu mibdijin. Il-konvenut qal ukoll li l-arkeologa li kompliet ix-xogħol fuq il-proġett inkwistjoni wara t-tluq tiegħu minn mas-soċjetà attriċi,

[40] *A fol.* 987 tal-proċess.

kellha aċċess għar-ritratti u l-informazzjoni kollha miġbura minnu fid-diversi spezzjonijiet li għamel fuq is-sit, minħabba li dawn kienu jinżammu fuq is-*servers* tal-kumpannija. Il-konvenut qal li hu qatt ma ntalab jissottometti l-informazzjoni li kienet nieqsa, lanqas meta rritorna biex ikompli jaħdem fuq il-proġett f'Jannar tal-2015. Ix-xhud qal li kien ikun ferm diffiċli għalih li jerġa' jiġi approvat biex ikompli x-xogħol fuq il-proġett f'każ li ġie stabbilit li kien hemm dawk id-dokumenti neqsin miż-żmien meta hu kien qiegħed jagħmel xogħol b'rabta ma' dan il-proġett waqt l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti wara li semgħet ix-xhieda u evalwat il-provi kollha prodotti f'din il-kawża, sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tiddetermina jekk klawsola 17 fil-kuntratt ta' impjieg li l-konvenut kellu mas-soċjetà attriċi, għandhiex titqies li kienet waħda nulla jew le, u f'każ li jirriżulta li din il-klawsola għandha titqies li kienet waħda valida fiċ-ċirkostanzi, imbagħad tgħaddi biex tiddeċidi jekk da parti tal-konvenut kienx hemm xi ksur tal-obbligi kontrattwali li kien marbut bihom fir-rigward tas-soċjetà attriċi.

Mill-provi jirriżulta li l-partijiet kienu ilhom snin jikkollaboraw ma' xulxin, bil-konvenut jagħmel xogħol *freelance* għas-soċjetà attriċi, sakemm f'Novembru tal-2011 il-partijiet kienu ftiehmu li l-konvenut kellu jiġi offrut impjieg fuq bażi *full-time* mas-soċjetà attriċi bħala arkeologu. L-abbozz tal-kuntratt ta' impjieg ġie riferut lill-konvenut għall-konsiderazzjoni tiegħu, u għajr għal modifika fir-rigward tat-tifsira tal-kelma *"customers"*, kien hemm qbil mal-kontenut tal-

kumplament tal-kuntratt, tant hu hekk li l-kuntratt kien ġie ffirmat mill-partijiet u l-konvenut beda jaħdem mas-soċjetà attriċi xi ġranet wara. Kien f'dan iż-żmien li s-soċjetà attriċi bdiet tinvesti bis-sħiħ fis-sezzjoni tal-arkeoloġija tagħha, tant hu hekk li fi ftit ġimgħat ġew ingaġġati l-arkeologi kollha li kienu jaħdmu mal-konvenut fuq bażi *freelance,* filwaqt li l-konvenut assuma r-rwol ta' kap ta' din is-sezzjoni.

Waħda mill-klawsoli fil-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut kienet tispeċifika li f'każ li l-konvenut għal xi raġuni jittermina l-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà attriċi, dan ma setax jissolleċita, jikkomunika, iħaddem, jikkuntattja jew iwettaq negozju jew xogħol ma' xi wieħed mill-klijenti tas-soċjetà attriċi għal perijodu ta' sentejn mit-tmiem tal-impjieg tiegħu, u ġie stabbilit ukoll li f'każ ta' ksur ta' din il-klawsola, il-konvenut kellu jħallas penali ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) bħala danni prelikwidati.

Is-sezzjoni tal-arkeoloġija mmexxija mill-konvenut bdiet tirreġistra ċerti suċċessi, tant hu hekk li jirriżulta li matul l-ewwel sentejn tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, is-salarju tal-konvenut żdied konsiderevolment. Il-Qorti kellha l-opportunità tisma' lil Odette Schembri, rappreżentanta tas-soċjetà attriċi tixhed dwar il-mod kif jiġu kkomputati l-*bonuses* tal-impjegati li kienu jikkwalifikaw għal *bonus*, u dwar il-fatt li kienet tinżamm laqgħa fejn l-impjegat jiġi muri ċ-ċifri u r-riżultati finanzjarji tal-kumpannija, u minn hemmhekk jiġi stabbilit il-*bonus* kemm kien ser ikun u kif ser jitħallas. Jidher ukoll li fl-ewwel sentejn tal-ingaġġ tiegħu, il-konvenut qatt ma lmenta jew b'xi mod wera li ma kienx qiegħed jaqbel mal-mod kif ġie kkomputat il-*bonus* dovut lilu skont il-kuntratt ta' impjieg, li kien jispeċifika li dan għandu jkun ta' għoxrin fil-mija (20%) mill-qligħ qabel it-taxxa li tiġġenera s-sezzjoni tal-

arkeoloġija. Madanakollu fis-sena 2014 il-konvenut beda jindika li la kien kuntent bis-salarju li kien qiegħed jitħallas, u lanqas ma kien kuntent bis-sistema li kienet qiegħda titħaddem mis-soċjetà attriċi biex jitħallsu l-*bonuses* dovuti lill-impjegati tagħha. Mill-provi jirriżulta li kien f'Ġunju tal-2014 li l-konvenut beda jindika lill-esponenti tas-soċjetà attriċi li ma kienx kuntent bis-salarju tiegħu, u dan inzerta li kien l-istess żmien li fih is-soċjetà attriċi rebħet *tender* sabiex tagħmel xogħol ta' monitoraġġ arkeoloġiku fuq il-proġett tal-Coast Road, bil-konvenut jinħatar bħala *key archaeological monitor*. F'Settembru tal-istess sena, wara li ma ġie rreġistrat l-ebda progress fir-rigward tal-pretensjonijiet tiegħu għal salarju ogħla, il-konvenut informa lis-soċjetà attriċi li kien fi ħsiebu jtemm l-impjieg tiegħu, sabiex ikun jista' jaħdem għal rasu. Mill-provi jirriżulta li d-deċiżjoni li jtemm l-impjieg tiegħu, il-konvenut kien ikkomunikaha lill-esponenti tas-soċjetà attriċi waqt li hu kien qiegħed jagħmel xogħol mill-aktar utli u mill-aktar urġenti fuq is-sit tal-Coast Road, medda art ta' aktar minn seba' kilometri, li fiha diġà kien hemm numru ta' sejbiet ta' importanza arkeoloġika, u għalhekk kien importanti li jkun hemm persuni mħarrġa tajjeb u li jifhmu fix-xogħol sabiex dan il-proġett ikun jista' jitkompla u jitlesta skont it-termini ta' żmien miftiehma mal-kuntratturi kollha involuti fil-proġett. Skont dak li xehdet Odette Schembri, f'waħda mill-aħħar diskursati li hija kellha mal-konvenut, dan kien qiegħed isostni li l-klawsola 17 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu ma kinitx tipprojbih milli jieħu xogħol ta' klijenti tas-soċjetà attriċi, imma biss li ma jkomplix jaħdem fuq proġetti diġà mibdija ta' klijenti tas-soċjetà attriċi.

Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li fl-4 ta' Novembru, 2014, prattikament erbat ijiem biss wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà attriċi,

f'perijodu ta' żmien fejn kienet ġiet maħtura arkeologa oħra impjegata mas-soċjetà attriċi biex tkompli bix-xogħol ta' monitoraġġ li kien meħtieġ fuq is-sit inkwistjoni, il-konvenut kellu talba minn Transport Malta sabiex jipprovdilha *quotation* għall-provvista ta' servizzi ta' monitoraġġ fuq il-proġett tal-Coast Road, l-istess proġett li l-konvenut kien ħadem fuqu fl-aħħar xhur u ġimgħat tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi. Il-konvenut bagħat il-*quotation* bil-prezz għas-servizzi rikjesti minn għandu, u jirrizulta li Transport Malta kienet sejra tapprovah sabiex ikompli x-xogħol fuq dan il-proġett, meta ġie stabbilit li f'parti mis-sit fejn kien qiegħed isir ix-xogħol, kien instab *fougasse* u dan kien laħaq tnaddaf mingħajr ma ġiet infurmata s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, u mingħajr ma kienu ttieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji għall-preservazzjoni tiegħu. In vista tal-fatt li l-konvenut kien il-*key archaeological monitor* fuq is-sit sa ftit ġranet qabel, kif ukoll in vista tal-fatt li l-arkeologa responsabbli mis-sit dak iż-żmien kienet impjegata mas-soċjetà attriċi, is-soċjetà attriċi ġiet sospiża milli tkompli bix-xogħol fuq il-proġett, filwaqt li l-konvenut kien ġie infurmat li kien qiegħed jiġi investigat u lanqas hu ma seta' jkompli bix-xogħol li kien inbeda minnu. Sabiex il-proġett ma jaqax lura, f'dan iż-żmien Transport Malta kienet ħatret tliet arkeologi oħra sabiex ikomplu jaħdmu fuq il-proġett, iżda wara biss ftit ġimgħat dawn irriżenjaw u ma komplewx jaħdmu fuq il-proġett. Kien f'dan iż-żmien ukoll li l-konvenut kien reġa' ġie avviċinat biex ikompli jaħdem hu fuq il-proġett. Mill-provi rriżulta kif ix-xogħol li jagħmlu l-arkeologi f'Malta hu xogħol speċjalizzat li jirrikjedi taħriġ u għarfien kontinwu ta' diversi fatturi marbuta mas-sit fejn ikun qiegħed isir ix-xogħol. Mill-provi ħareġ ukoll li minkejja li ta' kull sena jiggradwaw numru ta' persuni b'baċellerat fl-arkeoloġija mill-Università ta' Malta, in-numru ta' persuni li jagħżlu li jaħdmu bħala arkeologi hu wieħed żgħir u limitat ħafna.

Ġie stabbilit ukoll li l-konvenut kellu snin twal ta' esperjenza jagħmel xogħol simili għal Transport Malta fuq proġetti li jinvolvu l-bini ta' toroq, u l-ebda proġett ta' bini jew żvilupp ma jista' jitkompla jekk ma jkunx hemm arkeologu fuq is-sit. Mill-provi rriżulta wkoll li mhux faċli li wieħed isib arkeologu sabiex jaħdem fuq proġett speċjalment wara li dan ikun inbeda, għaliex in-numru ta' arkeologi u d-disponibbilità tagħhom hi ristretta ferm meta mqabbla man-numru ta' proġetti fil-pajjiż li jeħtieġu l-preżenza ta' arkeologu fuq is-sit.

Il-konvenut min-naħa tiegħu eċċepixxa li l-inklużjoni ta' klawsola 17 fil-kuntratt ta' impjieg tiegħu, u speċifikament il-parti li tipprovdi għall-ħlas ta' penali da parti tiegħu, tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 19 tal-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet dwar l-Impjieg, li jistipula li penali u multi fil-kuntratt ta' impjieg jistgħu jiġu imposti fuq impjegat biss wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xogħol għal dan l-iskop, u l-ebda kuntratt tax-xogħol ma jista' jimponi kundizzjonijiet anqas favorevoli milli jistabbilixxi l-Att innifsu. Il-konvenut sostna li peress li tali awtorizzazzjoni mid-Direttur tax-Xogħol ma jirriżultax li kienet ingħatat, l-inklużjoni tal-imsemmija klawsola li tipprovdi għall-ħlas ta' tali penali hija nulla stante li tmur kontra l-ispirtu tal-liġi. Din il-linja difensjonali kif proprju ġiet impostata mill-konvenut, diġà ġiet indirizzata mill-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Mark Bugeja et *vs.* Mellyora Grech**[41], fejn intqal:

> "Illi l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:
>
> "Sakemm ma jkunx preskritt xort'oħra fi ftehim kollettiv, meta:-
>
> (a) Il-pattijiet ta' kuntratt bil-miktub iffirmat mill-impjegati jew il-pattijiet ta' dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn prinċipal skont l-artikolu 7 jispeċifikaw

[41] Q.A., 28.06.2013.

bir-reqqa l-multa jew multi li l-impjegat jista' jeħel dwar kull għemil jew ommissjoni, u

(b) Il-pattijiet ta' kuntratt bħal dak jew il-pattijiet ta' kull dikjarazzjoni bħal dik ikunu ġew approvati minn qabel mid-Direttur,

Il-prinċipal ikun jista' jagħmel dak it-tnaqqis illi jkun awtorizzat b'dak il-kuntratt jew b'dik id-dikjarazzjoni."

Din il-Qorti tosserva illi fid-deċiżjoni impunjata, l-Ewwel Qorti kienet straħet *in extenso* fuq is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-ismijiet **Mark Bugeja et noe *vs.* Geoffrey Camilleri** (deċiża 29.03.2012) li kien jittratta każ konsimili għal dak in diżamina. F'dak il-ġudizzju ġie deċiż illi klawsoli simili għal dik in diżamina jaqgħu fil-parametri tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 u għalhekk kien hemm bżonn l-awtorizzazzjoni preventiv tad-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali meta ġie ritenut: - *"Illi ma hemm ebda dubju li fuq kuntratti ta' servizz jew tax-xogħol il-liġi speċjali trid tiġi osservata u dawn kienu regolati b'dak li jipprovdi l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 452."*

Illi għalhekk l-Ewwel Qorti straħet fuq dan l-insenjament fid-deċiżjoni tagħha u kkonkludiet illi ġialadarba din il-klawsola taqa' taħt dak dispost fl-Artikolu 19 tal-Kapitolu 452 u kwindi għall-istipulazzjoni tal-istess ikun hemm bżonn l-awtorizzazzjoni tad-Direttur, liema awtorizzazzjoni ma ġietx fil-fatt mitluba, kwindi l-istess mhijiex waħda permissibbli, tmur kontra l-ordni pubblika għaliex meqjusa *in restraint of trade* u konsegwentement hija illeċita u m'għandhiex ikollha validità.

... l-imsemmi Artikolu 19 jitkellem dwar meta l-kuntratt tal-impjieg bil-miktub jispeċifika "bir-reqqa l-multa jew multi" li impjegat jista' jinkorri għal xi għemil jew ommissjoni. L-istess artikolu jistipula illi tali klawsola trid tiġi approvata mid-Direttur tax-Xogħol sabiex l-istess klawsola tkun effettiva bejn il-firmatarji;

Għal din il-Qorti l-klawsola in kwistjoni ma tipprovdix "bir-reqqa" għal "multa jew multi". Il-frasi "bir-reqqa" timplika li l-klawsola in kwestjoni għandha tiddisponi dwar varji tipi ta' għemil jew omissjonijiet, u tipprovdi għal kull tip ta' għemil jew omissjoni, l-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta. Dan mhux il-każ tal-klawsola in kwestjoni li tipprovdi għal ħlas ta' ammont miftiehem minn qabel bejn il-partijiet f'każ li r-ritrattat (l-impjegat) jimpjega ruħu ma' klijent tar-ritrattandi wara li jkun ġie terminat l-impjieg, fi żmien stipulat minn tali terminazzjoni. Għalhekk ma jidhirx li l-klawsola in kwestjoni tinkwadra ruħha fil-provvedimenti tal-imsemmi artikolu 19. Inoltre hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li danni likwidati u miftiehma minn qabel m'għandhomx jiġu ekwiparati ma'

> "multi" li huma imsemmija fl-artikolu tal-liġi in kwistjoni. Fil-każ in eżami l-klawsola in kwestjoni tirreferi biss għal "għemil" wieħed ċioe jekk wara t-terminazzjoni tal-impjieg fi żmien determinat, ir-ritrattat jimpjega ruħu ma' klijent tar-ritrattandi u tipprevedi l-ħlas ta' ammont ġia miftiehem bħala danni likwidati. Tali klawsola ma tistax titqies li b'xi mod tillimita lir-ritrattat fil-professjoni jew negozju tiegħu. Din il-kondizzjoni, li ġiet aċċettata mir-ritrattat (impjegat) m'għandhiex tiġi kategorizzata bħala "inqas" jew "aktar" favorevoli għal impjegat. Barra minn hekk is-sanzjoni preveduta bil-klawsola in kwestjoni lanqas ma għandha titqies li hi "multa" ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap. 452. Jirriżulta għalhekk li l-istess artikolu 19 ma kellux jiġi applikat għall-każ in eżami u kwindi, fis-sentenza lamentata, il-liġi ġiet applikata ħażin. Inoltre japplika hawnhekk il-prinċipju bażilari tal-*pacta sunt servanda* u ċioe dak li jiġi pattwit jorbot lill-partijiet."

Il-Qorti m'għandha assolutament xejn x'iżżid ma' dawn l-osservazzjonijiet, u tqis li b'dak li ġie stipulat fi klawsola 17 tal-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut ma kienx każ ta' xi penali jew multa, iżda ta' danni prelikwidati maqbula bejn il-partijiet. Mill-provi jirriżulta li l-konvenut kien ingħata abbozz tal-kuntratt ta' impjieg qabel iffirmah u sa fejn dan wera nuqqas ta' qbil jew xi diffikultà, dawn kienu ġew indirizzati billi ġie emendat l-abbozz tal-ftehim mis-soċjetà attriċi. Huwa ċar ukoll li l-konvenut kien ingħata żmien biżżejjed sabiex jekk ħass il-ħtieġa li jfittex li jingħata parir legali dwar il-kontenut tal-abbozz, huwa seta' faċilment jagħmel dan. Barra minn hekk anki li kieku l-Qorti kellha tadotta l-interpretazzjoni mogħtija mill-konvenut dwar it-tifsira tal-kelma "*customer*" u dwar liema huma s-sitwazzjonijiet li l-klawsola 17 tal-kuntratt ta' impjieg kienet maħsuba li tolqot, xorta waħda jirriżulta li bit-tifsira mogħtija mill-konvenut stess[42], li l-klawsola inkwistjoni kienet maħsuba li tolqot biss proġetti ta' klijenti tas-soċjetà attriċi li huwa kien diġà beda jaħdem fuqhom waqt l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, huwa xorta waħda ma setax jaċċetta

[42] Ara x-xhieda ta' Odette Schembri dwar l-aħħar konverżazzjoni li kellha mal-konvenut.

l-inkarigu mogħti lilu minn Transport Malta, li mhux biss kienet waħda mill-klijenti ewlenin tas-soċjetà attriċi, imma għax wkoll fir-rigward tal-proġett tal-Coast Road, il-konvenut kien baqa' jaħdem fuq dan il-proġett sa ftit ġranet qabel temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi. Minkejja d-diffikultajiet li ssemmew fl-istadju tal-provi b'rabta man-nuqqas ta' arkeoloġi disposti li jaħdmu f'dan il-qasam, u minkejja wkoll ir-restrizzjonijiet ta' żmien sabiex il-proġett inkwistjoni jkun jista' jitlesta fil-ħin, il-Qorti xorta waħda tqis li bl-aġir tiegħu l-konvenut kiser l-obbligi kuntrattwali li kien intrabat bihom. Kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenut, li ladarba kien ta l-kunsens tiegħu għall-imsemmija restrizzjonijiet dwar ix-xogħol li seta' jagħmel għal perijodu ta' sentejn mit-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, li joqgħod attent għal xi inkarigi jaċċetta. Il-Qorti qieset li kien biss tlett ijiem wara li ttermina l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, li l-konvenut beda jikkollabora direttament ma' Transport Malta billi wara li rreġistra kumpannija f'ismu, ipprovda lil Transport Malta bi *quotation* għall-istess xogħol li sa dakinhar kien għadu qiegħed isir mis-soċjetà attriċi, u dan f'perijodu ta' żmien fejn is-soċjetà attriċi kienet għadha ma ġietx sospiża milli tkompli bix-xogħol fuq il-proġett tal-Coast Road. Fir-rigward tad-deċiżjonijiet iċċitati mill-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, il-Qorti ma tarax lok li tilqa' s-sottomissjoni tal-konvenut li l-klawsola 17 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu kienet waħda *in restraint of trade*, anzi għall-kuntrarju tqis li l-inklużjoni ta' tali klawsola f'kuntratt ta' impjieg bħal dak tal-konvenut, kienet fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern aktar minn raġonevoli, speċjalment meta wieħed iqis li din il-klawsola kienet timponi restrizzjonijiet fuq il-konvenut għal żmien limitat. Il-Qorti semgħet lix-xhud Odette Schembri tispjega kif sabiex seta' jippreżenta l-*quotation* tiegħu lil Transport Malta, il-konvenut għamel użu minn *insider knowledge* li hu kien kiseb tul il-kors tal-impjieg tiegħu mas-

soċjetà attriċi, u f'dan il-kuntest il-konvenut ħa vantaġġ mill-informazzjoni kollha li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jikkwota prezz li kien aktar kompetittiv minn dak li kien ġie mifthiem mas-soċjetà attriċi. Ir-restrizzjoni fuq il-konvenut kienet biss waħda limitata sa fejn dan kien intalab li għal perijodu ta' sentejn ma jaħdimx ma' klijenti eżistenti tas-soċjetà attriċi. Klawsola li l-konvenut interpreta bħala li hu ma setax jagħmel xogħol fuq proġetti li kien diġà beda jaħdem fuqhom waqt l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi. Anki li kieku l-Qorti kellha għas-saħħa tal-argument tqis li l-konvenut huwa korrett f'din l-interpretazzjoni tiegħu, xorta waħda jirriżulta ksur lampanti tal-obbligi kontrattwali tal-konvenut, stante li hu beda jagħti s-servizzi tiegħu lil Transport Malta rigward l-istess proġett li kien jaħdem fuqu qabel ittermina l-kuntratt ta' impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi.

Id-difiża tal-konvenut aċċennat ħafna fuq il-fatt li f'Malta l-għadd ta' persuni speċjalizzati biex jagħmlu l-istess xogħol li jagħmel il-konvenut huwa wieħed limitat ħafna, u anki d-disponibbilità tagħhom hija waħda pjuttost ristretta. Filwaqt li l-Qorti tapprezza dan kollu, tqis però li l-konvenut bl-esperjenza u bl-isem li kiseb għalih fil-qasam, ma kien ser ikollu l-ebda diffikultà li jsib xogħol ieħor, imma ċertament ma kellux ikun xogħol fuq l-istess proġett li kien ħadem fuqu mas-soċjetà attriċi, proprju għall-klijenta ewlenija tagħha Transport Malta. Tqis għalhekk li l-aġir tal-konvenut kien wieħed deplorevoli għax apparti li jikser l-obbligi kuntrattwali li kienu jivvinkolawh, huwa aġir li huwa nieqes minn kull sens ta' etika u mħabbel fil-kunflitt ta' interess. Proprju għalhekk il-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas id-danni prelikwati skont il-ftehim maqbul mill-partijiet f'din il-kawża.

Jifdal għalhekk li l-Qorti tikkonsidra l-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant għall-ħlas tal-*bonus* fl-ammont ta' għoxrin fil-mija (20%) tal-qligħ qabel it-taxxa iġġenerat mis-sezzjoni tal-arkeoloġija għas-sena 2014, li l-partijiet fil-kawża jaqblu li s-soċjetà attriċi baqgħet ma ħallsitx lill-konvenut. Minkejja li tul is-smigħ tal-kawża ġew ippreżentati l-*management accounts* tas-soċjetà attriċi, il-konvenut rikonvenzjonant qajjem diversi dubji dwar il-veraċità u l-awtentiċità taċ-ċifri ppreżentati mis-soċjetà attriċi. Saru diversi allegazzjonijiet min-naħa tal-konvenut li wħud minn dawn iċ-ċifri ġew *inflated* sabiex tingħata stampa qarrieqa dwar kemm kienu l-profitti ġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija għas-sena inkwistjoni. Il-konvenut semma l-fatt li għall-ewwel darba minn kemm kienet ilha mwaqqfa s-sezzjoni tal-arkeoloġija ġew fatturati *bad debts* fl-ammont ta' €17,000. Il-konvenut semma wkoll li għall-ewwel darba wkoll dehru ukoll spejjeż amministrattivi li jammontaw għal ftit aktar minn €14,000. Barra minn hekk fl-2014, għall-ewwel darba parti mis-salarju tad-direttur maniġerjali ġiet allokata lis-sezzjoni tal-arkeoloġija, xi ħaġa li qatt ma ġrat fis-snin preċedenti. Odette Schembri, ix-xhud ewlieni tas-soċjetà attriċi, spjegat li l-*bad debts* li dehru għall-ewwel darba fis-sena 2014 jirriflettu l-fatt li s-soċjetà attriċi ma tħallsitx dak dovut lilha minn Transport Malta b'rabta mal-proġett tal-Coast Road minħabba li l-konvenut kien abbanduna l-proġett u naqas milli jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa. Spjegat ukoll li l-ispejjeż amministrattivi huma riżultat tal-fatt li fis-sezzjoni tal-arkeoloġija kellha tiġi ingaġġjata *administrator.* Odette Schembri spjegat ukoll li l-fatt li fis-snin preċedenti parti mis-salarju tad-direttur maniġerjali ma kinitx tiġi allokata bħala parti mill-ispejjeż ta' din is-sezzjoni, kien nuqqas tas-soċjetà attriċi. Il-Qorti hija konvinta li ċ-ċifri u l-ispjegazzjonijiet mogħtija mix-xhud Odette Schembri jagħmlu sens

fiċ-ċirkostanzi, partikolarment minħabba li jirriżulta li minkejja li s-soċjetà attriċi kellha *open door policy* u jidher li l-esponenti tas-soċjetà attriċi kienu disposti li jitkellmu mal-impjegati u jindirizzaw l-ilmenti tagħhom, jirriżulta li l-konvenut qatt ma oġġezzjona għall-mod kif kien qiegħed jiġi kkomputat il-*bonus* dovut lilu, u lmenta biss dwar il-fatt li fis-sena 2013 dan tħallas lilu fuq medda ta' xhur, hekk kif infetħu dawn il-proċeduri. Jirriżulta wkoll li ma jistax ikun li l-konvenut ma kienx jaf li s-sezzjoni tiegħu kienet ser tiġi mgħobbija b'ċertu spejjeż, bħalma huma spejjeż b'rabta mal-ingaġġ ta' amministratur għas-sezzjoni, jew l-allokazzjoni ta' parti mis-salarju tad-direttur maniġerjali, jew li l-konvenut ma ħasibx li kien ser ikun hemm konsegwenzi għas-soċjetà attriċi riżultat tal-fatt li hu rriżenja minn magħha f'nofs proġett kbir bħalma kien dak tal-Coast Road. L-ispejjeż l-oħra indikati fl-i*statement of accounts* għas-sena 2014[43] ġew ikkorroborati b'irċevuti u jew spjegazzjonijiet dwar in-nefqiet relattivi għal xiex saru. Abbażi ta' dan l-i*statement of accounts* sehem il-konvenut ta' 20% mill-profitti ġġenerati qabel it-taxxa fl-2014 mis-sezzjoni tal-arkeoloġija tas-soċjetà attriċi, dovut skont il-kuntratt tal-impjieg tiegħu, kien ta' disat elef, tmin mija u seba' Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€9,807.33)[44], liema ammont ta' flus għadu ma tħallasx lilu mis-soċjetà attriċi.

---

[43] *A fol.* 371 tal-proċess.

[44] Il-*gross profits before tax* tas-sezzjoni tal-arkeoloġija tas-soċjetà attriċi għas-sena 2014 kienu €58,844 u għalhekk il-*bonus* ta' 20% għall-10 xhur li ħadem il-konvenut fl-2014 kien: €58,844 / 100 x 20 / 12 x 10 = €9,807.33.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant;**
2. **Tilqa' l-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonant u filwaqt li tiddikjara li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata hija obbligata tħallsu *bonus* ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) tal-profitti qabel it-taxxa ġġenerati mis-sezzjoni tal-arkeoloġija tas-soċjetà attriċi fis-sena 2014, tillikwida l-*bonus* dovut lill-konvenut rikonvenzjonant *pro rata* għall-10 xhur li ħadem f'dik is-sena fis-somma ta' disat elef, tmin mija u seba' Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€9,807.33) u tikkundanna lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata tħallas din is-somma lill-konvenut rikonvenzjonant;**
3. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut għat-talbiet tas-soċjetà attriċi;**
4. **Tiddikjara li bl-aġir tiegħu li joffri u jagħti s-servizzi tiegħu ta' arkeoloġista lil Transport Malta, l-konvenut kiser l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt klawsola 17(d) tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu datat 1 ta' Novembru, 2011;**
5. **Tiddikjara li b'hekk il-konvenut huwa obbligat li bħala kumpens għall-aġir tiegħu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) bħala penali rappreżentanti danni prelikwidati mill-partijiet;**

6. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas il-penali ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) lis-soċjetà attriċi.**

**Spejjeż tal-kawża jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.